**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru: 403/2022 RM**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**-Vs-**

**CHRISTOPHER GATT**

**Illum, 30 ta' April 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **CHRISTOPHER GATT** ta' 50 sena, bin Emanuel u Helen nee' Attard, imwieled Pieta', Malta, nhar it-tlettax (13) a' April, 1972, residenti ġewwa 'Seacrest', Blk A, Flt 21, Triq il-Porzjunkola, San Pawl il-Baħar, u detentur tal-karta tal-identita' numru 177572M, li ġie akkużat talli f'dawn il-Gżejjer u/ew barra minn dawn il-Gżejjer, fis-27 ta' Lulju 2022 u/jew fix-xhur u/jew fis-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:-

1. Approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor, liema ħaġa ġiet f'data jew ikkunsinjata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, għad-

detriment ta’ Mark Anthony Zarb Cousin u/jew persuni oħra (Artikoli 293 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta);

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, b’mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ bi ħsara ta’ Mark Anthony Zarb Cousin u/jew persuni oħra, liema ammont tal-ħsara huwa aktar minn ħamest elef euro (€5,000) (Artikoli 308, 310(1)(a) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta);

3. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, bi ħsara ta’ Mark Anthony Zarb Cousin u/jew persuni oħra, għamel xi qliegħ ieħor b’qerq mhux imsemmi fl-artikoli ta’ qabel l-artikolu 309 tas-Sub-titolu III tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema ammont tal-ħsara huwa aktar minn ħamest elef euro (€5,000) (Artikoli 309 u 310(1)(a) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta);

4. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, kellu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu xi oġġett għall-użu fit-twettiq jew f’konnessjoni ma’ xi frodi (Artikoli 310BA u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta);

5. U aktar talli fl–istess żmien, lok u ċirkostanzi, sabiex kiseb vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal haddiehor, f’xi dokument, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz (Artikoli 188 (2) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta);

6. U aktar talli fl–istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat mhux imsemmija fl-artikoli ta’ qabel l-artikolu 189 tat-Titolu V tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-

Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (Artikoli 189 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

7. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel atti ta' *money laundering* billi:-

    i. Ikkonverta jew trasferixxa proprjeta` meta kien jaf jew issuspetta li dik il-proprjeta` kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita` kriminali jew minn att ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-proprjeta' jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attivita' kriminali;

    ii. Ħeba jew wera ħaġa b'oħra tal-vera xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta`, meta kien jaf jew issuspetta li dik il-proprjeta` kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;

    iii. Akkwista, ippussesa jew uża proprjeta' meta kien jaf jew issuspetta li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

    iv. Irritjena mingħajr skuża raġonevoli proprjeta' meta kien jaf u/jew issuspetta li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali; u

    v. Ittenta jagħmel il-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija (Artikoli 3(1) tal-Att Kontra *Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-

Liġijiet ta' Malta, u 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

8. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer irrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija minn qorti barranija, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula (Artikoli 49, 50 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti kienet mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża, ċioe' Mark Anthony Zarb Cousin, jew il-familjari tiegħu jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-parti leża u l-familjari tiegħu minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u f'każ ta' ħtija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża u l-familjari tagħha ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex tordna 'Ordni ta' Qbid u Iffrizar' u tissekwestra u/jew iżżomm f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew jappartjenu jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma proprjeta' tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka, jibdel jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli li tkun proprjeta' ta' jew inkella miżmuma minnu, ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; tal-Artikolu 5 tal-Att Kontra *Money Laundering,* Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta; u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalita', Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet wkoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tinfliġġi l-piena xierqa skond il-Liġi, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tar-rikavat li ġie mir-reat jew ta' dik il-proprjeta' li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat

kif ukoll il-konfiska ta’ kull proprjetà li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll tal-imputat, ukoll jekk fil-każ ta’ proprjeta’ immobbli dik il-proprjeta’ tkun, minn żmien meta l-ħati jkun ġie akkużat, għaddiet f’idejn terzi kif ukoll jekk ir-rikavat ta’ proprjeta’, kemm mobbli kemm immobbli, ikun jinsab f’xi post barra minn Malta, *ai termini* tal-Artikolu 23B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta; tal-Artikolu 3(5) tal-Att Kontra *Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta’ Malta; u l-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalita’, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba ukoll sabiex f'każ ta’ ħtija, barra milli tapplika l-piena xierqa skond il-Liġi, tordna lill-imputat jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa jew rikavat illu huwa dawwar bi profitt għalih jew għal persuna/i oħra, jew li jħallas lil dik il-parti dak l-ammont ta’ flus li jistà jiġi stabbilit mill-qorti bħala kumpens għal dak it-telf imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra, inkluż dannu morali u psikoloġiku, kaġunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat; u kull ordni bħal dak jistà jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni u, fin-nuqqas, li jsir ħlas kif imsemmi qabel.

Il-Qorti kienet wkoll ġentilment mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, barra milli tapplika l-piena xierqa skond il-Liġi, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri, ai termini tal-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Ġenerali tat-28 ta’ Lulju 2022 mogħi a tenur tal-artikolu 3(2A)(a) tal-Att Kontra Money Laundering li permezz tagħha ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwieġeb għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu għall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Att;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat illi b’digriet mogħti mis-S.T.O il-Prim’Imħallef fit-3 ta’ Ottubru 2023, din il-kompilazzjoni ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat li fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2023 kienet ġiet eżentata mill-partijiet milli terġa' tisma' x-xhieda li kienu diġa' xehdu quddiem il-Qorti meta kienet diversament preseduta;

Rat illi fid-9 ta' Mejju 2024 l-Avukat Generali mexa taħt l-artikolu 3(2A)(b)(ċ) tal-Att kontra Money Laundering u ordna illi l-imputat jiġi proċessat quddiem din il-Qorti fuq l-akkużi miġjuba kontrih għal ksur tal-provvediment tal-istess Att, u mexa wkoll taħt l-artikolu 370(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali billi bagħat lill-imputat sabiex jiġi aġġudikat minn din il-Qorti u indika l-artikoli tal-liġi li abbażi taghhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

1. Fl-artikoli 293, 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 308, 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 309, 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 310BA tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 188(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 49, 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-artikoli 15A, 17, 18, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 31, 382A, 383, 385, 386, 412Ċ, 532A, 532B, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tat-23 ta' Mejju 2024 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli difensur tal-imputata fis-seduta tad-9 ta' April 2025;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużi kontra l-imputat nibtu minn rapport magħmul lill-Pulizija minn Mark Anthony Zarb Cousin, il-parti offiża, fit-23 ta' Mejju 2021[1] fejn allega li kien safa vittma ta' frodi.

Fil-qosor, it-teżi tal-Prosekuzzjoni u tal-parti offiża hi li l-imputat, li kien ħabib tal-familja ta' Mark Anthony Zarb Cousin u kienu ilhom jafu lil xulxin madwar tletin sena, kien talbu biex jinvesti xi flus fl-impriża kummerċjali li kellu ġewwa s-Serbja fil-qasam tal-produzzjoni u bejgħ ta' injam. L-imputat kien bagħtlu xi ritratti tal-fabbrika tiegħu fis-Serbja fejn kien isir il-qtugħ tal-injam u tal-makkinarju li kellu bżonn jixtri[2] - liema ritratti l-parti offiża kien sar jaf wara li kienu ritratti li jinsabu fuq Google u ma kienux ritratti ta' xi proprjeta' li kellu l-imputat. Kien spjegalu li fl-eventwalita' li joħroġ is-somma ta' £100,000 (GBP), seta' jħallsu lura s-somma ta' £5,000 fix-xahar. Dak iż-żmien, Mark Anthony Zarb Cousin kien qed jgħix l-Ingilterra u għalkemm kien interessat fil-proposta tal-imputat, ma kellux flus kontanti biex jinvestihom fin-negozju tal-imputat iżda Paul Miller, ħabib tiegħu, kien lest jisilfu s-somma ta' £100,000 GBP biex huwa jista' jinvestihom mal-imputat. L-imputat kien qed jagħfsu biex jgħaddilu l-flus għaliex kien sejjer jitlef l-opportunita' biex jixtri l-injam li kellu bżonn għan-negozju, u għalhekk il-parti offiża kien ikkonkluda ftehim bil-miktub ma' Paul Miller għas-self tas-somma ta' £100,000 bl-obbligu li jħallsu lura s-somma ta' £1,666 GBP fix-xahar għal sentejn bl-ammont kollu jiġi saldat sa Diċembru 2019.

---

[1] Rapport Dok. WB1.

[2] Ara dokument f'paġna 64 u paġna 65, kif ukoll minn paġna 69 sa paġna 72 u minn paġna 128 sa paġna 132 tal-atti.

Il-parti offiża xehed li huwa kien talab lill-imputat sabiex jiffirma dokument[3] għaliex peress li kien ħallas il-flus lill-imputat biex jinvestihom fin-negozju tiegħu, ried iserraħ moħħu li mhux biss l-assi tan-negozju tal-imputat iżda wkoll l-assi personali tiegħu kellhom jagħmlu tajjeb għall-investiment, u min-naħa tiegħu l-imputat obbliga ruħu li jħallsu s-somma ta' £5,000 GBP fix-xahar.

Xehed:-

*"I sent a message to Chris when I gave him before I gave the money and I said look Chris if something happens to you, you could get ill or something, I don't want to go after your Company for the money I just gave you alright. I need a personal guarantee from you okay and he said yeah, no problem we can do it through a lawyer and everything, I drew up a letter which I called a loan agreement and to say that whatever happens it he's sick or in the case of unforseen circumstances ... money owed to me .. will be taken from his Estate business and personal assets."*

Fit-30 ta' Ottubru 2017, wara li kien irċieva l-flus mingħand Paul Miller, il-parti offiża ittrasferixxa mill-kont bankarju tiegħu ġewwa r-Renju Unit ma' Natwest Bank, is-somma ta' £82,660 fil-kont bankarju tal-imputat ġewwa s-Serbja (Banca Intesa Ad, Beogard)[4] u s-somma ta' £17,340 fil-kont ta' ċertu Daniel Gruppetta ma' HSBC Bank (Malta) p.l.c.[5]. Meta talab lill-imputat jispjega għaliex kellu jħallas il-flus lil terza persuna meta dawn kellhom jiġu investiti fin-negozju tal-imputat, l-imputat qallu li kien sellef mingħand Daniel Gruppetta l-flus biex jixtri magna għall-impriża tiegħu.

Il-parti offiża xehed illi huwa qatt ma talab lill-imputat biex jurih xi dokumenti b'rabta mal-kumpannija jew in-negozju li kelli ġewwa s-Serbja, għaliex kien jafdah. Madankollu, l-imputat naqas milli jħallas lura r-ripagamenti mensili ta' £5,000 u

[3] Intestat "*loan agreement*".
[4] Ara dokument f'paġna 97, 110 , 111, 116 u 126 tal-atti tal-kompilazzjoni, parti minn Dok. WB6.
[5] Ara screenshot paġna 96 tal-atti tal-kompilazzjoni, parti minn Dok. WB6, u paġna 94, parti minn Dok. Wb13.

minkejja diversi wegħdiet, kien ħallsu biss is-somma €6,000 fi Frar 2018[6] - liema somma kien irċeviha fir-Renju Unit mingħand ċertu Singh għan-nom tal-imputat[7] - u €6,000 oħra f'Ġunju 2019. Minħabba f'hekk, minflok ħallas ir-ripagamenti ta' £1,666 fix-xahar dovuti lil Paul Miller, mill-flus li kellu jirċievi mingħand l-imputat kull xahar, il-parti offiża spiċċa kellu jsellef mingħand terzi biex iħallas lill-kreditur tiegħu[8] skont il-ftehim li kien ikkonkluda miegħu.

Mark Zarb Cousin xehed ukoll illi kien iċempel u jibgħat messaġġi lill-imputat kważi kuljum biex isaqsih meta kien ser jirċievi flusu skont il-ftehim u kien inkwetat ferm għaliex kien intrabat li jħallas lil Paul Miller is-somma ta' £100,000 sa Diċembru 2019, iżda l-imputat dejjem kellu xi skuża u baqa' jwiegħdu li kien ser jieħu l-flus kollu li kellu jieħu mingħandu.

Fi Frar 2019, l-imputat, li sadanittant kien reġa' ġie jgħix f'Malta, kien informa lill-parti offiża li kien involut f'negozju ta' proprjeta' bl-għajnuna ta' sensar, u kellu opportunita' biex jixtri tliet apartamenti fuq konvenju għall-prezz ta' €150,000 kull wieħed. Spjegalu li kellu jħallas depożitu ta' €15,000 fuq kull konvenju u mbagħad jerġa' jbiegħ l-appartamenti wara ċirka xaharejn jew tlieta, bi qligħ ta' €30,000 fuq kull bejgħ[9]. Kien ippropona lill-parti offiża biex jinvesti s-somma ta' €45,000 fl-akkwist tat-tliet proprjetajiet biex meta dawn jerġgħu jinbiegħu, huwa jirċievi lura l-flus investiti u l-profitti jinqasmu nofs b'nofs wara li jitnaqqas il-kumpens ta' 1% dovut lis-sensar. Mark Anthony Zarb Cousin aċċetta li jinvesti s-somma ta' €45,000 fuq tliet konvenji separati, bil-kundizzjoni li jirċievi lura s-somma tal-investiment sa mhux iktar tard minn disgħin ġurnata, bil-qligħ li jibqa' wara li jiħallas is-sensar jinqasam bejniethom, u b'hekk seta' jissalda l-ammont li kien dovut lil Paul Miller. Fi Frar 2019 il-parti offiża ittrasferixxa s-somma ta' €45,000 mill-kont tiegħu ma' BNF Bank p.l.c. lill-kont tal-imputat mal-istess BNF Bank p.l.c., permezz ta' tliet pagamenti ta' €15,000 kull wieħed. Eventwalment, l-imputat bagħatlu ritratt ta' tliet

---

6 Ara messaġġ 26.3.2018, paġna 220 tal-atti, Dok. WB9.
7 Vide messaġġi paġna 149 u 150 tal-atti.
8 Ara messaġġ 9.8.2018, paġna 234, u messaġ 12.09.2018, paġna 237, Dok. WB9.
9 Ara messaġġ datat 11.02.2019 paġna 250 u paġna 403 tal-atti tal-kompilazzjoni.

*cheques* li kien irċieva għall-ħlas tas-somma totali ta' €10,000 biex jurih li kien biegħ il-proprjetajiet kollha u kien irċieva l-flus[10]. Il-parti offiża ma kienx deher fuq il-konvenji u ma kienx iffirmahom lanqas. Dawn ic-*cheques* kienu nħarġu minn ċertu Albert Falzon li l-parti offiża ħaseb li kien in-nutar.

Meta l-parti offiża ġie Malta f'Ġunju 2019 u talab lill-imputat biex jgħaddilu sehmu mill-flus li rċeiva mill-bejgħ tal-proprjetajiet, qallu li kellu xi inkwiet mal-banek u l-bank ried mingħandu dikjarazzjoni ffirmata quddiem nutar pubbliku fejn jikkonferma li l-flus kien irċevihom mingħandu b'self, għalkemm fil-verita' l-flus għaddew bħala investiment u mhux self. Kien kellem lill-avukat tal-imputat li kien qallu li fid-dikjarazzjoni kellu jikteb li huwa kien għadda l-flus lill-imputat bħala self. Huwa kien bagħat din id-dikjarazzjoni lill-imputat iżda xorta waħda baqa' ma rċeviex flusu mingħand l-imputat.

Imbagħad l-imputat qallu kien sejjer iħallsu parti mill-flus f'kontanti u kienu ftiehmu li jiltaqgħu iċ-Ċirkewwa biex jirċievi l-flus, iżda irċieva messaġġ mingħand mart l-imputat fis-2.00 a.m. fejn qaltlu li żewġha kien ġie arrestat għaliex il-Pulizija sabulu l-kontanti fil-karozza. Imbagħad meta baqa' jagħfas lill-imputat għall-flus kien qallu li kellu l-flus kontanti ġewwa s-Serbja u seta' jħallas dak kollu li kien dovut lilu pju' l-interessi, iżda kien sejjer jgħaddi l-flus lil ċertu Sebastian, raġel Taljan, biex jibgħathomlu permezz ta' transferiment bankarju. Dan it-Taljan beda jċempillu biex jitolbu jħallas xi flus biex jista' jsir it-trasferiment u peress li kien iddisprat biex jirċievi l-flus, il-parti offiża kien iltaqa' ma' Sebastian ġewwa l-Ingilterra u kien tah iktar minn pagament wieħed, fi flus kontanti - b'kollox tah ċirka €70,000 iżda qatt ma rċieva l-flus mingħandu.

[10] Messaġġ 23.05.2019 – paġni 272, 406 u 408. Ir-ritratti f'paġna 406 u 409 tal-atti jikkorrispondu maż-żewġ messaġġi (image) li ntbagħtu mill-imputat fit-23.05.2019 fl-22:00h – paġna 272 tal-atti – bi tweġiba għall-messaġġ tal-parti offiża "*Did he give you any cash or just chqs?*". Fil-fatt, it-total tal-ħames cheques li jidhru fiż-żewġ ritratti jammonta għal €21,967 li jikkorrispondi mal-messaġġ tal-imputat fejn wieġeb għad-domanda "*How mcuh you have in chqs*" bil-messaġġ: "*All together 21967*" (paġna 273, 23.05.2019 fil-ħin tal-09:11:40).

Il-parti offiża ikkonferma li qatt ma rċieva ebda pagament ieħor mingħand l-imputat għajr għal xi pagamenti żgħar ta' €200, u s-somma ta' €2,000 f'kontanti, li kienu ntbagħtu tramite Western Union minn ġewwa s-Serbja. Skont il-parti offiża b'kollox kien ħareġ is-somma ta' £200,000 biex iħallas lill-imputat jew persuni oħra għan-nom tiegħu.

F'Diċembru 2020 l-imputat kien qallu biex imur l-Italja għaliex il-flus kien l-Italja u kellu jiltaqa' ma' Sebastian li kien ser jgħaddilu l-flus kollha dovuti. Huwa kien mar Como, l-Italja, flimkien ma' ħabib tiegħu iżda għalkemm għamlu tlieta jew erbat ijiem hemmhekk, Sebastian baqa' qatt ma tfaċċa.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti sejra tibda biex tittratta l-preġudizzjali mqajjem mid-difiża fit-trattazzjoni finali fejn argomentat illi l-qrati f'Malta ma għandhomx ġurisdizzjoni biex jiġġudikaw ir-reati ta' frodi u misapproprjazzjoni safejn dawn ir-reati jikkonċernaw it-trasferiment lill-imputat tas-somma ta' £82,660 Lira Sterlina u l-ħlas lil Daniel Gruppetta fis-somma ta' £17,340 minn fondi li kienu f'kont bankarju tal-parti offiża ġewwa National Westminster Bank fir-Renju Unit. Id-difiża tikkontendi illi l-azzjoni kriminali ma setgħetx titmexxa f'Malta kontra l-imputat għaliex il-flus li qed jiġi allegat mill-Prosekuzzjoni li għaddew għand l-imputat jew ġew imħallsin lil terzi fuq struzzjonijiet tal-imputat b'riżultat tar-reat ta' frodi jew ir-reat tal-approprjazzjoni indebita, għaddew għandu u ġew imħallsin lil terzi meta l-istess imputat kien barra minn Malta ċioe' fir-Repubblika tas-Serbja fejn kien jgħix, minn fondi li kienu depożitati f'bank ġewwa r-Renju Unit.

Id-difiża ma għandhiex raġun. Ibda biex l-imputat ġie mixli li kkommetta r-reati "*ġewwa dawn il-Gżejjer u jew barra minn dawn il-Gżejjer*" u għalkemm huwa minnu li safejn għandha x'taqsam is-somma ta' £100,000 imħallas mill-parti offiża, ir-reat ma jistax jitqies li ġie kommess ġewwa Malta jew minn persuna li kienet f'Malta fiż-żmien tar-reati, kif korrettement ġie sottomess mid-difiża, dan huwa immaterjali

għaliex il-paragrafu (d) tal-artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li l-azzjoni kriminali tista' titmexxa f'Malta kontra **kull ċittadin ta' Malta** jew resident permanenti f'Malta li f'xi post, jew abbord ta' xi bastiment jew biċċa oħra tal-baħar jew fuq xi inġenji tal-ajru, **ikunu fejn ikunu**, isir ħati ta' xi reat ieħor **kontra l-persuna ta' ċittadin ta' Malta jew ta' xi resident permanenti f'Malta**.

Issa fil-każ in diżamina ma ntweriex illi l-imputat jew il-parti offiża m'humiex ċittadini Maltin: għall-kuntrarju kollox jindika li huma persuni ta' nazzjonalita' Maltija[11] u għalhekk anke jekk ir-reati li dwarhom ġie mixli l-imputat ġew kommessi barra minn Malta, l-azzjoni kriminali relattiva tista' titmexxa kontrih quddiem il-qrati f'Malta bis-saħħa tal-paragrafu (d) tal-artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali.

Iżda d-difiża għandha raġun safejn għandhom x'jaqsmu l-flejjes li ġie allegat mill-parti offiża li kien għaddihom lil ċertu Sebastian, Taljan li kellu jgħaddilu l-flus kontanti dovuti lilu mill-imputat. Il-parti offiża fix-xhieda tiegħu qal li huwa kien iltaqa' ma' Sebastian fir-Renju Unit, fejn hemmhekk kien talbu jħallas ammont sostanzjali ta' flus sabiex ikun jista' jagħtih il-flus li kien għaddielu l-imputat, u kkonferma li b'kollox kien ħallas lil Sebastian is-somma ta' ċirka €70,000[12]. Hawnhekk, billi m'huwiex ċar mix-xhieda tal-parti offiża jekk f'dawk it-transazzjonijiet ta' flus li seħħew fir-Renju Unit Sebastian kienx qed jaġixxi għan-nom jew fuq struzzjonijiet tal-imputat, u lanqas m'hu daqshekk ċar jekk l-imputat kienx b'xi mod involut f'dawk it-transazzjonijiet, hija nieqsa prova konkreta li dawk it-transazzjonijiet kienu seħħew bejn żewġ cittadini Maltin jew residenti permanenti. Prova li kif rajna hija meħtieġa biex tiġi radikata l-ġurisdizzjoni tal-qrati f'Malta abbażi tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-paragrafu (d) tal-artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali.

Għaldaqstant, fid-deliberazzjonijiet tagħha dwar ir-reat ta' frodi u r-reat ta' misapproprjazzjoni, il-Qorti m'hijiex sejra tieħu konjizzjoni tal-allegazzjoni tal-parti

[11] Ara rapport Dok. WB1, paġna 53 tal-atti.
[12] Ara paġna 530, xhieda ta' Mark Anthony Zarb Cousin, 2 ta' Diċembru 2022.

offiża dwar il-ħlas tas-somma komplessiva ta' ċirka €70,000 lil Sebastian fir-Renju Unit, għaliex jekk seħħ xi reat in konnessjoni mal-imsemmija transazzjonijiet ta' ħlas li seħħew barra minn Malta, ma ġiex sodisfaċjentement ippruvat li kien l-imputat, u mhux persuna oħra li ma jirriżultax li hija ċittadin ta' Malta jew resident permanenti f'Malta, li kien l-aġent tar-reat.

In konklużjoni dwar dan il-punt, għandu jingħad ukoll illi f'kull każ, ma nġiebet ebda prova in sostenn tal-verżjoni tal-parti offiża li huwa ħallas xi flus kontanti lil Sebastian: il-Qorti ma riskontrat ebda riċevuta, statement ta' kont bankarju li minnu nħarġu l-flus jew xi evidenza oħra tat-transazzjonijiet imsemmija fix-xhieda ta' Mark Anthony Zarb Cousin. Fuq kollox, il-parti offiża nnifsu fix-xhieda tiegħu ta x'jifhem li jaf u jaċċetta li m'għandux prova lihuwa ħallas xi flus kontanti lil Sebastian.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli bir-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, u b'mod alternattiv, bir-reat minuri taħt l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela German** deċiż fit-30 ta' Diċembru 2004, intqal:

*In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby** li:*

*"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll **Il-Pulizija v. Daniel Frendo**, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, **proprju ghax tkun giet ingannata**, volontarjament taghti xi haga lill-agent)."*

Minn dan jikkonsegwi, skont kif inhu paċifikatament assodat fil-ġurisprudenza prevalenti in materja, illi sabiex tinstab ħtija għar-reat ta' truffa jeħtieġ li jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm rabta bejn is-suġġett attiv u is-suġġett passiv tar-reat u cioe' bejn l-aġent tar-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dan r-reat u cioe' l-użu ta' ingann, raġġiri jew artefizji, li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Dawn il-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' intelliġenza ordinarja u jridu jkunu frawdolenti fis-sens li jeħtieġ li jkunu użati sabiex jipperswadu lis-soġġett passiv jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li twassal għal telf patrimonjali.

Dwar l-artifizzji intqal[13] illi "*hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat*." L-artikolu 308 innifsu jipprovdi eżempji konkreti ta' apparat estern jew artifizji li jikkostitwixxu l-ingann li jeħtieġ li jiġi ppruvat bħala wieħed mill-element materjali kostituttivi tar-reat ta' truffa, fosthom, l-użu ta' ismijiet foloz u ta' kwalifiċi foloz.

Irid jiġi ppruvat ukoll illi l-ingann u l-qerq adoperat mill-aġent tar-reat effettivament wassal lill-vittma biex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġabitilha t-telf patrimonjali; għalhekk irid jiġi ppruvat li t-telf partimonjali soffert mill-vittma kien il-konsegwenza diretta tal-qerq perpetrat. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Maria Xuereb et**[14], il-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat ta' frodi u ċitat mis-sentenza tal-istess Qorti tat-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Zarb**, is-segwenti bran minn sentenza tal-Corte di Cassazione Penale (Sez. II 3 ottobre 2006 n.34179) fejn intqal:-

---

[13] **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, ċitat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Omissis, Omar Caruana u Omissis** deċiż nhar l-14 ta' Lulju 2020

[14] Deċiża fit-22 ta' Settembru 2016.

"*I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente*."

Ċitat ukoll minn sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Patrick Spiter**i deċiża fit-22 ta' Ottubru 2004 fejn il-Qorti għamlet riferenża għat-tagħlim ta' Francesco Antolisei:-

"*L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato.*"

Hija meħtieġa wkoll il-prova dwar l-element formali tar-reat konsistenti fid-*dolo* ossia fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu bit-telf konsegwenzjali għall-vittma tar-reat[15].

Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Fir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat)[16] taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9 ir-"raggiri" jew l-"artifizji" (dak li fid-dottrina jissejjaħ ukoll *mise en scene*) m'humiex fost l-elementi kostituttivi tar-reat u allura anke gidba sempliċi hija

[15] Fir-rigward ingħad:- "*... illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu, ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.*"- **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, *ibid*.

[16] Ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis**, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; **Il-Pulizija v. Francesca Caruana**, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll **Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer**, App. Krim., 3/3/56).

biżżejjed għall-kommissjoni ta' dana ir-reat, basta li din tkun saret bi ħsieb frawdolenti u twassal sabiex il-vittma u ċioe' is-suġġett passiv ta' dan ir-reat isofri xi telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment għal min jgħid dik il-gidba[17]. .

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni et**[18] riteniet-

"*Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra."* (enfasi ta' din il-Qorti)

Qabel xejn għandha ssir riferenza għad-dokumenti esebiti fl-atti proċesswali mill-Ispettur Wayne Rodney Borg, kontenenti skambju ta' messaġġi li jkopri l-perijodu 2016 sa 2021, liema dokumenti (WB9, WB10, WB11 u WB12) ġew mgħoddija lilu minn Mark Zarb Cousin flimkien ma' dokumenti oħrajn, in sostenn tar-rapport Dok WB1. Il-parti offiża afferma li huwa kien għadda l-imsemmija dokumenti lill-Pulizija u kkonferma wkoll li fihom l-iskambju sħiħ tal-messaġġi li intbagħtu minnu u mill-imputat lil xulxin. Ikkonferma wkoll fix-xhieda tiegħu illi huwa kien irreġistra n-numru tal-linja tal-imputat fil-mobile phone tiegħu, bl-isem "*Chris Beechwood*" (Dok. WB8), għaliex l-imputat kellu fabbrika tal-beechwood ġewwa Malta u in segwitu, meta l-imputat bidel in-numru tal-mobile phone, kien irreġistra n-numru l-ġdid bħala "*Maltese Chris*" (Dok. WB7).

---

[17] Ara sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmela German**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri 30.12.2004.
[18] Deċiża 9 ta' Ġunju 1998.

Huwa ppruvat li n-numru 99144335 reġistrat fil-mobile phone tal-parti offiża bl-isem "*Maltese Chris*" huwa reġistrat mal-kumpannija Epic Communications Limited f'isem l-imputat Christopher Gatt (Dok CZ). Id-difiża qatt ma kkontestat l-awtentiċita' tal-messaġġi u qatt ma ġie nnegat li l-messaġġi fid-dokumenti WB9, WB10, WB11 u WB12, li intbagħtu minn "*Chris Beechwood*" u "*Maltese Chris*" ma kienux intbagħtu mill-imputat Christopher Gatt, tant illi fit-trattazzjoni għamlet riferenza għall-istess messaġġi biex jintwera l-livell ta' ħbiberija li kellhom il-partijiet fejn kienu "*iqumu u jorqdu flimkien*".

Għalhekk il-Qorti sejra tagħti valur probatorju sħiħ lill-messaġġi fid-dokumenti WB9, WB10, WB11 u WB12 fl-istħarriġ tagħha biex jiġu stabbiliti l-elementi tar-reati li dwarhom l-imputat qed jiġi mixli.

Il-Qorti qrat bir-reqqa il-messaġġi kollha skambjati bejn il-partijiet u fehmet – u dan huwa del resto ovvju - li kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mid-difiża, in-negozju kuntrattat bejn il-partijiet ma kienx wieħed ta' self *sic et simpliciter*.

Il-parti offiża kien aċċetta li jislef il-flus lill-imputat għaliex kien ilu jafu ħafna snin, kien ħabib tal-familja ta' martu u kien jafdah. Minn qari tal-messaġġi skambjati bejn l-imputat u l-parti offiża jirriżulta illi inizzjalment l-imputat kien qed jipprova jħajru biex jinvesti miegħu f'impriża tal-produzzjoni tal-injam għall-bejgħ bħala firewood u lill-fabbriki li jipproduċu pellets.

Evidentement, il-parti offiża ġie persważ biex jinvesti l-flus mal-imputat għaliex ried jagħmel qligħ biex iħallas xi djun li kellu, u aċċetta li jgħaddi l-flus lill-imputat bl-iskop speċifiku li jagħmel qligħ mill-investiment ta' flusu f'makkinarju, akkwist ta' injam u spejjeż kapitali oħrajn tan-negozju. Il-ftehim kien li jgħaddi s-somma ta' £100,000 lill-imputat li min-naħa tiegħu kellu jħallas is-somma ta' £5,000 fix-xahar lill-parti offiża bħala qligħ fuq l-investiment għal sentejn bl-intiża li f'kull każ kellu mill-inqas jiġi saldat l-ammont imħallas għall-investiment. Il-qligħ kien jikkonsisti

fil-ħlas tas-somma ta' £5,000 fix-xahar mill-introjtu ġenerat mill-istess impriża bl-għajnuna tal-flus investiti mill-parti offiża.

Din il-konklużjoni tinsilet mis-segwenti messaġġi, fost oħrajn, skambjati bejn il-partijiet:-

"*I am desperate to make money cos I lose a lot. And if it work (sic.) I tell you mate I get you more money and we make more money. You have enough work to make the money?*" ... "*Let's make some money now*"[19].

"*This week i am going to try some different people to invest because that bloke is not sure ...*"[20]

"*Hopefully i put some money in your business soon.*"[21]

Għall-Qorti dan mhux diskors ta' persuna li sempliċement silfet il-flus lil xi ħabib tagħha biex tgħinu fin-negozju, iżda diskors ta' persuna li investiet flusha f'impriża biex din tirrendilha profitt tajjeb[22].

Huwa minnu li l-parti offiża ipprepara skrittura li fiha n-negozju ġie deskritt bħala '*loan agreement*', liema skrittura ġiet iffirmata mill-imputat, li obbliga ruħu biex iħallas lura l-flus li kien irċieva mingħandu, u huwa minnu wkoll li fl-interpellazzjonijiet uffiċjali u r-rikorsi għall-ħruġ ta' mandati kawtelatorji fil-konfront tal-imputat, il-kreditu pretiż mill-parti offiża ġie deskritt bħala self. Iżda għall-Qorti dak li huwa determinanti huwa l-ispirtu tad-diskussjonijiet li saru bejn il-partijiet

---

[19] Messaġġ f'paġna 189, mibgħut minn Mark Zarb Cousin, 7.11.2017.
[20] Messaġġ mibgħut minn Mark Zarb Cousin, 20.09.2017 – paġna 164.
[21] Messaġġ mibgħut minn Mark Zarb Cousin, 31.08.2017 – paġna 162.
[22] Ara wkoll: "*... But first must make money pay my debts and then save. 3 / 4 years hopefully or quicker if we make good money together*" ... "*Chris I trust you mate, I just saying whatever happens you give me that £100k back so I can give it to my friend. If it goes well he said he will keep doing it ...*" – messaġġi f'paġna 167 – 28.09.2017.
"*... evrythin will be how we spoke ... 100k you pay get 5k a month .. end of the time we agree 100k back .. but i know you not gona usk for it.*" – l-imputat – 28.09.2017 – paġna 167.

permezz ta' bosta messaġġi skambjati fuq medda ta' diversi xhur b'rabta man-natura tan-negozju li kienu bi ħsiebhom jikkuntrattaw bejniethom, fejn huwa evidenti – kif rajna diġa' – li l-parti offiża ried jinvesti flusu mal-imputat, u mhux isellifhomlu, bil-ftehim li fi kwalsiasi każ ikun dejjem intitolat jirċievi lura l-kapital investit minnu fis-somma ta' £100,000. Kemm hu hekk, imkien fil-biżibilju ta' messaġġi li ġew skambjati bejn il-parti b'rabta ma' dak in-negozju, ma tissemma l-kelma 'self' jew '*loan'*, ħlief safejn għandhom x'jaqsmu l-flus li l-parti offiża kien silef mingħand Paul Miller. Iktar minn hekk, kieku l-flus kienu għaddew bħala self sempliċi, ma kienx ikollhom id-diffikolta' li jidher li kellhom biex jidentifikaw in-natura preċiża tat-transazzjoni mal-bank[23]. Fuq kollox, kif jirriżulta mix-xhieda tal-parti offiża u wkoll minn qari tal-iskambju messaġġi bejn il-partijiet fir-rigward, huwa ovvju li l-ftehim intestat '*loan agreement'* sar bl-iskop speċifiku li l-parti offiża jkollu garanzija biex jieħu lura mill-inqas l-ammont tal-kapital investit u li l-assi personali kif ukoll dawk tan-negozju tal-imputat kellhom iservu bħala garanzija[24].

Iżda anke jekk għal mument kellu jiġi aċċettat li l-flus għaddew għand l-imputat bħala self, xorta waħda l-Qorti hija sodisfatta mill-provi li tressqu li l-parti offiża aċċetta li jgħaddi l-flus lill-imputat għaliex kien ipperswadih li jekk il-flus jiġu investiti fl-impriża kummerċjali tiegħu ġewwa s-Serbja, kien sejjer jirċievi rendiment ta' £5,000 fix-xahar bil-kundizzjoni li bħala *minimum,* u f'kull każ, kellu jirċievi lura s-somma kapitali ta' £100,000. Il-Qorti hija konvinta illi l-parti offiża ma kienx jaċċetta li jgħaddi l-flus lill-imputat – liema flus kien addirittura sellifhom mingħand terz bl-imgħax – kieku dawn ma kienux sejrin jiġu investiti fl-impriża tal-imputat biex din tkun tista' tirrendi qligħ biżżejjed biex jirċievi lura s-somma ta' £5,000 fix-xahar. Kemm hu hekk, kien talab lill-imputat biex jibgħatlu informazzjoni u ritratti tal-

---

[23] Mark Zarb Cousin: *"Bank is asking what money is for? Shall I say loan?"*
Chris Beechwood: *"Yes but not for intrst"* … *"You can say loan but frendly must not say you get interest."* - messaġġi 30.10.2017.

[24] *"Also later in the day I send you email just so we have something in writing that I lend you money like we agreed"* … *"I sent you email with agreement. For now between me and you. Later if we have to we do with lawyer but maybe no because I trust you. Sign it and scan it and email back to me by Monday if possible."* – 27.10.2017 – paġna 179.

attivita' kummerċjali tiegħu sabiex ikollu x'juri lill-kredituri potenzjali tiegħu u jipperswadihom li l-flus tassew kienu sejrin jiġu investiti f'impriża attiva fl-industrja tal-qtugħ tal-ħatab.

Stabbilit dan, imiss li jiġi stabbilit jekk ġiex ippruvat l-element tal-ingann li, għar-reita' taħt l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, irid jimmanifesta ruħu permezz tal-użu ta' apparat estern konsistenti fl-użu ta' ismijiet jew kwalifiki foloz, il-wiri ta' ħaġa b'oħra jew billi l-aġent jinqeda b'qerq jew ingann ieħor. L-artifizji impjegati mill-aġent, ikunu x'ikunu, iridu jkunu tali illi jġiegħlu lis-soġġett passiv tar-reat jemmen fl-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew li jqanqlu fih tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika u jwasslu biex jagħmel telf patrimonjali li jsarraf fi qligħ korrispondenti għall-aġent tar-reat.

Applikat dan għall-fattispeċje tal-każ kif jirriżulta mill-provi, il-Qorti tqis illi huwa ppruvat illi l-imputat ipperswada lill-parti offiża jemmen illi flusu sejrin jiġu investiti fl-impriża li kien jiġġestixxi ġewwa s-Serbja fis-settur tal-produzzjoni u bejgħ tal-injam, u li b'dan l-investiment in-negozju kien sejjer jiġġenera biżżejjed dħul biex il-parti offiża jitħallas rendiment ta' £5,000 fix-xahar. Fit-30 ta' Ottubru 2017, il-parti offiża ittrasferixxa s-somma ta' £82,660 lill-imputat direttament ġewwa l-kont tiegħu ma' Banca Intesa ad Beograd ġewwa r-Repubblika tas-Serbja biex din is-somma tiġi investita fl-impriża kummerċjali tiegħu. Ittrasferixxa wkoll, dejjem fuq struzzjonijiet tal-imputat, is-somma ta' £17,340 f'kont ma' HBSC Bank Malta p.l.c. ta' ċertu Daniel Gruppetta. Il-messaġġi (Dok. WB9) juru illi meta l-parti offiża esprima r-riżervi tiegħu biex iħallas flus lil terzi u mhux direttament lill-imputat għal investiment fl-impriża, l-imputat spjegalu li Daniel Gruppetta kien silfu l-flus biex jixtri makkinarju mill-Isvizzera għall-ħtiġiet tal-impriża: din l-ispjegazzjoni jidher li kkonvinċa lill-parti offiża jgħaddi s-somma ta' £17,340 lil Daniel Gruppetta.

Madanakollu, fix-xhieda tiegħu Daniel Gruppetta, filwaqt li kkonferma li kien irċieva s-somma ta' ftit inqas minn €20,000 fil-kont bankarju tiegħu mingħand xi ħadd fuq struzzjonijiet tal-imputat, eskluda li din is-somma kienet dovuta lilu b'ripagament għal

xi flus li kien sellef lill-imputat biex jixtri makkinarju. Daniel Gruppetta spjega illi l-flus kien dovut lilu mill-imputat u minn ħuh bħala ripagament għas-self bankarju li kien ħa f'ismu biex jagħmel pjaċir lil missierhom, Emanuel Gatt, u nnega li l-pagament li kien irċieva fil-kont kien dovut in konnessjoni ma' xi negozju tal-imputat jew għaliex kien sellfu l-flus biex jixtri xi makkinarju[25].

Fir-rigward, issir riferenza wkoll għall-messaġġi skambjati ma' ċertu 'Danjel', liema messaġġi nsabu fil-pussess tal-imputat waqt it-tfittxija li saret fir-residenza tiegħu: fost dawn il-messaġġi wieħed isib messaġġ li jsemmi s-somma ta' "17340"[26], u messaġġ ieħor mibgħut fl-1 ta' Novembru 2017 fejn ingħad: "*Amount received from UK was €19241.01 on 30 October 2017*"[27]. Dan l-ammont jikkorrispondi mal-ammont li ġie depożitat fil-kont bankarju ta' Daniel Gruppetta ma' HSBC Bank Mala p.l.c. fit-30 ta' Ottubru 2017, l-ekwivalenti ta' £17,370[28]. Minn qari tal-iskambju tal-messaġġi in diżamina huwa evidenti li l-konversazzjoni kienet tikkonċerna flus li "Danjel" kellu jirċievi mingħand il-persuna li kien qed jikkorrispondi miegħu b'rabta ma' konvenju u proprjeta', b'kollox "32910"[29].

Dan jkompli jsaħħaħ il-prova li l-kreditu dovut lil Daniel Gruppetta ma kellu xejn x'jaqsam max-xiri ta' makkinarju għall-qtugħ tal-injam.

Dan kollu magħdud ifisser illi l-imputat gideb biex jipperswadi lill-parti offiża jħallas flus lil Daniel Gruppetta, u mill-ġabra tax-xhieda u l-provi, senjatament il-messaġġi skambjati, il-Qorti fehmet illi kieku l-parti offiża kien jaf li d-debitu ma kellux x'jaqsam mal-impriża tal-imputat, ma kienx jaċċetta li jħallas il-flus lil Daniel Gruppetta għaliex kif diġa' ġie stabbilit, il-flus kien ħariġhom speċifikatament u unikament biex jinvestihom fl-impriża kummerċjali tal-imputat.

---

[25] Daniel Gruppetta xehed illi huwa kien uża l-flus li rċieva biex jixtri makkinarju li jqatta' l-ħadid għan-negozju personali tiegħu.

[26] Messaġġ f'paġna 667 tal-atti tal-kompilazzjoni.

[27] Ara paġna 668 tal-atti tal-kompilazzjoni.

[28] Vide Dok. LA, paġna 749 tal-atti (*Mark Zarb Cousin 'C Gatt Loan'*), Dok. LA1 u xhieda ta' Lorraine Attard, 20 ta' Frar 2023.

[29] Ara Dok. JC4.

Konformement, bl-applikazzjoni tal-insenjament in materja huwa ppruvat li l-parti offiża ħallas lil Daniel Gruppetta għaliex ġie ingannat mill-imputat meta l-imputat, bi ħsieb frawdolenti, ġiegħlu jemmen li kien qed iħallas debitu tal-impriża li kien qed jinvesti fiha għaliex kien jaf li altrimenti, l-parti offiża ma kienx jaċċetta jgħaddi l-flus direttament lill-kreditur tiegħu. B'riżultat ta' din il-gidba, il-parti offiża trasferixxa parti mill-kapital tal-investiment lil Daniel Gruppetta u b'hekk għamel telf patrimonjali bi qligħ korrispondenti għall-imputat, għaliex bil-ħlas li sar lill-kreditur tiegħu l-imputat issalda debitu personali tiegħu (jew parti minnu) li ma kellu xejn x'jaqsam mal-impriża kummerċjali tiegħu fis-Serbja.

Hawnhekk huma riskontrabbli l-elementi kollha tar-reat tal-frodi nnominata: ma jirriżultax li l-imputat, biex jinganna lill-vittma, uża xi artifizji biex isaħħaħ il-gidba u jikkonvinċih li s-somma ta' £17,340 kien jirrappreżenta l-prezz ta' makkinarju għall-qtugħ tal-injam li kien xtara għall-impriża kummerċjali tiegħu.

Ikkunsidrat;

Illi dan stabbilit, ma jikkonsegwix neċessarjament li l-parti offiża ġie mqarraq ukoll biex iħallas lill-imputat l-ammont ta' £82,660, liema somma kif stabbilit diġa', ġie trasferit direttament fil-kont bankarju tal-imputat ġewwa s-Serbja.

Mhux kontestat li l-imputat ma kienx ħallas lill-parti offiża skont il-ftehim tal-investiment, u b'kollox kien għaddielu biss is-somma ta' ċirka €14,000. Dan jirriżulta mill-messaġġi skambjati bejn il-partijiet, liema messaġġi jistabbilixxu inkonfutabbilment li l-parti offiża dam snin sħaħ jiġri wara l-imputat biex jirċievi l-ħlas tal-ammonti kif miftiehem fil-'*loan agreement*' u flejjes oħra li kien għaddielu sussegwentement.

Iżda l-fatt li l-parti offiża ma rċeviex ir-rendiment mill-investiment skont kif ġie miftiehem, għaliex l-imputat irrifjuta li jħallsu jew għaliex l-impriża ma ġġeneratx

qligħ jew ir-rendiment prospettat, m'huwiex prova ta' frodi. Fil-fehma tal-Qorti biex jiġi sodisfatt l-element tal-ingann fil-każ in diżamina, jeħtieġ li jintwera li l-impriża li l-imputat ipperswada lill-vittma jinvesti flusu fiha, kienet fittizja jew li l-imputat żvijah biex jemmen li kien sejjer jinvesti flus f'xi ħaġa li ma kienetx teżisti fuq l-iskala jew fix-xorta li ddeskriva l-imputat fil-messaġġi tiegħu lill-parti offiża - fejn tah x'jifhem li ma setax ilaħħaq mad-domanda għax-xogħol u jespandi n-negozju tal-produzzjoni tal-injam mingħajr investiment ta' flus biex jista' jixtri iktar siġar, makkinarju u ħaddiema.

Il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-prosekuzzjoni ressqet provi biżżejjed fil-grad meħtieġ għal sejbien ta' ħtija kriminali, li l-imputat iffabbrika l-eżistenza tal-intrapriża tiegħu u jew ma kellux negozju tal-injam ġewwa s-Serbja. Ibda biex għalkemm il-parti offiża saħaq fix-xhieda tiegħu li sar jaf illi r-ritratti li rċieva mingħand l-imputat li juru l-attivitajiet kummerċjali tiegħu (ritratti tal-materja prima, il-ħatab, u l-injam wara l-proċess ta' qtugħ lest biex jiġi trasportat[30]) kienu biss ritratti li jinsabu minn tfittxija sempliċi fuq Google, din l-allegazzjoni baqgħet ma ġietx sostanzjata. Ma nġiebux provi mill-Prosekuzzjoni biex jintwera li r-ritratti jew xi wieħed minnhom juru impriża li m'hijiex tal-imputat jew ma għandhomx x'jaqsmu man-negozju tiegħu, jew xi prova li teskludi li l-imputat huwa involut f'xi entita' kummerċjali inkorporata jew reġistrata mal-awtoritajiet fis-Serbja, li jiġġestixxi negozju li jopera fis-settur tal-injam jew settur relatat, jew li jiddikjara xi dħul minn attivita' kummerċjali fl-istess pajjiż.

Barra minn hekk, huwa fatt mhux ikkontestat illi l-imputat kellu fabbrika u negozju tal-injam f'Malta bl-isem Beechwood, tant li n-numru tal-mobile phone tiegħu kien reġistrat mill-istess parti offiża taħt l-isem "*Chris Beechwood*" u minn eżami tal-messaġġi l-Qorti fehmet li huwa ovvju li l-imputat kien intiż fin-negozju tal-injam. Ma tistax twarrab lanqas ix-xhieda tas-sieħba tal-imputat, liema xhieda baqgħet mhux kontestata, li kkonfermat li hija kienet iltaqgħet mal-imputat ġewwa s-Serbja għall-ħabta tal-2006 meta kien waqqaf negozju fis-settur tal-produzzjoni tal-injam bi sħab bejn il-kumpannija Maltija tiegħu (Beechwood) u kumpannija fis-Serbja (Meltapro) u

[30] Ara ritratti minn paġna 128 sa paġna 145, fost ritratti oħrajn parti minn Dok. WB6.

in segwitu, meta s-sħubija spiċċat, waqqfu flimkien kumpannija oħra li bdiet topera bi sħab ma' kumpannija oħra fis-Sebja. Fuq kollox, l-imputat u l-parti offiża kienu jafu lil xulxin sew, kif jirriżulta wkoll mill-volum ta' messaġġi li kienu jiskambjaw bejnethom kuljum fejn kienu jżommu lil xulxin aġġornati dwar materji personali u l-movimenti tagħhom.

Miżmum ferm dan kollu, il-Qorti taqbel mad-difiża li l-parti offiża ma setax ma kienx jaf li l-imputat tassew kien jopera impriża kummerċjali fil-qasam tal-injam ġewwa s-Serbja. Għalkemm ma hemm xejn konkret fl-atti u l-provi proċesswali li jistabbilixxi l-eżistenza tal-impriża, per eżempju kontijiet tan-negozju, fatturi jew dokumenti uffiċjali dwar l-inkorporazzjoni ta' kumpannija jew entita' kummerċjali f'isem l-imputat, wieħed ifakkar li l-imputat m'għandu għalfejn jipprova xejn u kien jispetta lill-Prosekuzzjoni tistabbilixxi bi provi konklussivi li l-impriża li fiha l-parti offiża investa flusu, kienet ineżistenti. Ta' min josserva wkoll li lanqas il-parti offiża nnifsu ma allega li mhux minnu li l-imputat kien jiġġestixxi azjenda bħal dik fis-Serbja u li l-impriża kienet fittizzja.

Kollox magħdud, il-Qorti m'hijiex moralment konvinta li l-imputat ħoloq messa in xena biex jinganna lill-parti offiża biex jgħaddilu ammont sostanzjali ta' flus għal investiment f'impriża fittizzja, u tqis li m'huwiex ippruvat fil-grad li jinħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali li l-imputat ma kienx jiġġestixxi impriża kummerċjali fis-settur tal-qtugħ tal-ħatab u produzzjoni tal-injam ġewwa s-Serbja u li gideb meta qal li kellu bżonn flus biex jinvestihom f'din l-intrapriża, ikabbar in-negozju u jiġġenera iktar introjtu. Il-fatt waħdu li l-imputat ma onorax il-ftehim u mill-bidu nett beda jġib skużi biex jipposponi l-ħlas tal-pagamenti mensili, u għamel minn kollox biex jevita li jħallas, tant illi ma kienx ħallas lanqas pagament wieħed direttament lill-parti offiża[31] u ma ħallas la r-rendiment mensili fis-somma ta' £5,000 u lanqas radd lura is-somma kapitali ta' £100,000, mhuwiex, mingħajr iktar, prova ta' ingann: ma hemm xejn fl-atti u l-provi proċesswali li jeskludi illi l-ftehim ma ġiex onorat għaliex l-imputat iddeċieda li jżomm għalih il-flus dovuti lill-parti offiża skont il-ftehim jew għaliex in-

[31] kien qabbad lil terza persuna biex jgħaddilu l-flus fir-Renju Unit

negozju falla jew ma ġġenerax il-qligħ li kien prospettat inizzjalment. Lanqas l-ipotesi li l-imputat seta' ddeċieda li ma jinvestix il-flus fl-impriża kummerċjali tiegħu u ma jużahomx għall-iskop li għalih kien irċevihom mingħand il-parti offiża, ma jiswa bħala prova tal-ingann – għad illi jista' jkun rilevanti bħala prova ta' wieħed mill-elementi kostituttivi tar-reat ta' approprjazzjoni indebita.

Għall-Qorti huwa wkoll irrilevanti għall-fini tal-prova tal-element tal-ingann il-fatt illi l-imputat, wara li rċieva l-flus tal-investiment, għadda biż-żmien lill-parti offiża meta minkejja l-wegħdiet ripetuti tiegħu li sejjer jibgħatlu l-flus, baqa' ma ħallsu xejn ħlief għas-somma komplessiva ta' ċirka €14,000 fuq medda ta' tliet snin sakemm ir-relazzjoni bejn il-partijiet sfaxxat għal kollox.

Konsegwentement, mhux ippruvat li l-imputat ipperswada lill-parti offiża biex jemmen fl-eżistenza ta' intrapriża falza jew fi kreditu li kien immaġinarju li minħabba fih il-vittma ġie ingannat biex iħallas flus u b'hekk jagħmel telf patrimonjali bi qligħ korrispondenti għall-imputat. Mankanti l-element tal-ingann, l-imputat ma jistax jinsab ħati la tar-reat ta' truffa u lanqas tar-reat minuri tal-frodi nnominat taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi jmiss issa li jiġi mistħarreġ jekk ġewx ippruvati l-elementi tar-reat ta' frodi fir-rigward tat-telf patrimonjali li l-parti offiża jallega li huwa ġarrab meta għadda lill-imputat is-somma komplessiva ta' €45,000 fi Frar 2019.

Il-Qorti rat l-atti u tqis illi l-iskambju tal-messaġġi kif ukoll ix-xhieda tal-parti offiża, jistabbilixxu li l-imputat kien ħajjar lill-parti offiża sabiex jgħaddilu s-somma ta' €45,000 biex jinvestiha fl-akkwist ta' tliet proprjetajiet differenti fuq konvenju u in segwitu, jinnegozja ma' terzi l-assenjazzjoni tad-drittijiet akkwistati fuq il-konvenju għall-prezz ogħla minn dak tal-akkwist oriġinali. L-imputat spjegalu li dan in-negozju seta' jirrendi qligħ ta' €90,000 u b'hekk il-parti offiża kien sejjer jirċievi lura l-kapital

li investa u ppropona li in segwitu jkomplu jagħmlu flimkien l-istess xorta ta' negozju bi sħab.

Fil-messaġġi li ġew skambjati bejn il-partijiet ingħad hekk:-

Mark Zarb Cousin: "*So if we put in €45k, how much we get back in 90 days?*"
L-imputat: "*45 more +45 Profit minus 1% on all investment and profit.*"
Mark Zarb Cousin : "*If I do it I will do €45k but I must have €45k back in 90 days. So first one we take profit €90k less 1%, I take €45k you take the balance, The €45 investment I put in you can re invest it. And then we go 50/50. Just important I put €45 back in 90 days*"
L-imputat: "*Yes. 50% fair. If we act now, last week of may profit and in first 45 days you must tell me investment we go on or not*".[32]

Evidentement, l-imputat irnexxilu jikkonvinċi lill-parti offiża biex jgħaddilu l-kapital għall-investiment inizzjali, għaliex il-provi juru li huwa kien ittrasferixxa tliet pagamenti ta' €15,000 kull wieħed fil-kont bankarju tal-imputat. Huwa stabbilit mill-provi li dan il-flus kellhom jiġu investiti mill-imputat fl-akkwist ta' tliet proprjetajiet differenti fuq konvenju u minnufih wara, l-imputat kellu jinnegozja ma' terzi l-assenjazzjoni tad-drittijiet akkwistati fuq il-konvenju għall-prezz ogħla minn dak tal-akkwist oriġinali. Id-depożitu ta' tliet somom ta' €15,000 kull waħda fil-kont bankarju tal-imputat ma' BNF Bank plc jidhru fl-istatement tal-kont bin-numru 0005955861001 (Dok. DA), liema depożiti saru fil-15 ta' Frar 2019, fit-18 ta' Frar 2019 u fil-21 ta' Frar 2019 mill-kont tal-parti offiża mal-istess bank, BNF Bank plc.

Fil-fehma tal-Qorti huwa eskluż fiċ-ċirkostanzi illi s-somma ta' €45,000 kien ġie mgħoddi lill-imputat bħala self, u huwa għalhekk immaterjali l-fatt li l-parti offiża għamel dikjarazzjoni bil-miktub li huwa kien għadda s-somma komplessiva ta' €45,000 lill-imputat bħala self. Mhux kontestat li kien l-avukat tal-imputat li kien talab lill-parti offiża – fuq struzzjonijiet tal-imputat – biex jipprepara dikjarazzjoni li

[32] Messaġġi f'paġna 250, 12.02.2019.

fiha jiddikjara li sellef xi flus lill-imputat, u dan għaliex, skont kif jirriżulta mill-messaġġ u email datat 2 ta' April 2019 mibgħuta minn Dr. Albert Zerafa, il-bank kien esiġa mingħand l-imputat spjegazzjoni dwar in-natura tat-tliet transazzjonijiet ta' €15,000 kull waħda li ġew depożitati fil-kont bankarju tiegħu.[33]

Il-Qorti tosserva illi qabel kien aċċetta li jgħaddi lill-imputat il-flus għall-investiment, il-parti offiża kien irċieva mingħand l-imputat *screenshots* (*image*) ta' reklam ta' żewġ proprjetajiet li kellhom jiġu negozjati[34], u l-imputat kien bagħtlu wkoll ritratt ta' kitba bi spjega tal-investiment u t-tqassim tal-profitti li kien qed jipprospetta li sejrin jiġu ġġenerati min-negozju tal-proprjeta'[35]. Minn eżami tal-messaġġi skambjati jirriżulta wkoll li l-imputat kien ta x'jifhem lill-parti offiża, b'messaġġ mibgħut fil-11 ta' Frar 2019, li kellu sensar li kien qed jgħinu f'dan in-negozju, liema sensar kien xi ħadd li kien ħabib tal-familja tiegħu li kien ilu jafu ħafna u li kien rispettat ħafna fil-qasam tal-proprjeta'[36].

Fix-xhieda tiegħu, il-parti offiża għamel riferenza għal *screenshot* ta' messaġġ[37] li kien bagħtlu l-imputat biex jurih li kellu appuntament skedat mas-sensar għand in-Nutar fis-6.45 p.m. biex isir il-konvenju ta' waħda mill-proprjetajiet. Xehed illi meta eventwalment, kien daħħal in-numru 99304655 fil-mobile phone tiegħu irriżulta li dak in-numru kien l-istess wieħed li minnu s-sieħba tal-imputat kienet bagħtitlu messaġġ biex tgħidlu li l-imputat kien ġie arrestat mill-Pulizija għaliex kellu l-flus kontanti fil-karozza. Dan huwa affermat minn Dok. CZ, esebit mir-rappreżentant ta' Epic

---

[33] Ara paġna 390 and 392 tal-atti tal-kompilazzjoni.

[34] Ara paġna 398 tal-atti. Dawn ir-ritratti, li ntbagħtu fl-14:35h u 14:36h, jidher li jikkorrispondu mat-tliet ritratti (images) li rċieva l-parti offiża fit-12.02.2019 fil-ħin tal-14:35 u 14:36 qalb skambju ta' messaġġi dwar l-investiment prospettiv fil-proprjeta' li kienu qegħdin jiddiskutu – paġna 251 – għal liema messaġġi il-parti offiża wieġeb "*Very nice. I call you later to ask you question*" u l-imputat kompla: "*This exempel whats in the markit usk anything mate*".

[35] Paġna 391 tal-atti – messaġġ 12.02.2019 – il-messaġġ li ntbagħat mill-parti offiża fit-12.09.2019 fl-10:55:44 huwa evidentement tweġiba għal dak li jidher fl-imsemmi ritratt li ntbagħat fid-09:27:31 u għall-messaġġ sussegwenti mibgħut mill-imputat fl-10:50:53 ("*Sorry for chicken handwriting*")

[36] "*No risk I have good sensar he get me to buy and sell on konvenju at the mint for exampel there is a bilding each 150k one 15 dep and 2 to 3 months we make 30k minus 1% for him*." – 11.02.2019

[37] Dok. WB13 – paġna 382 tal-atti.

Communications Limited, li juri illi n-numru 99304655 huwa reġistrat f'isem l-imputat innifsu.

Minn eżami tal-messaġġi skambjati bejn il-partijiet jirriżulta li l-imputat qal[38] li kellu appuntament għand in-nutar biex jiffirma l-ewwel konvenju għax-xiri ta' waħda mill-proprjetajiet fit-18 ta' Frar 2019 fit-3.30 p.m., u appuntament ieħor fis-7.00 p.m. fl-istess ġurnata biex ibiegħ, u b'messaġġ sussegwenti qal li kellu wkoll appuntament ieħor biex jixtri proprjeta' oħra l-għada 19 ta' Frar 2019. Wara li rċieva dawn il-messaġġi mingħand l-imputat, Mark Zarb Cousin bagħtlu t-tieni pagament ta' €15,000[39]. Fid-19 ta' Frar 2019 l-imputat bagħat messaġġ biex jikkonferma li kien għadu kif iffirma l-konvenju għall-akkwist tal-ewwel proprjeta' u kellu appuntament għall-għada 20 ta' Frar 2019 fil-17:15h biex jiffirma konvenju għall-bejgħ tal-istess[40]. In segwitu għal dan il-messaġġ, il-parti offiża bagħat it-tielet pagament fil-kont bankarju tal-imputat, fil-21 ta' Frar 2019. Fit-22 ta' Frar 2019 l-imputat infurmah li kien għadu kif iffirma l-konvenju għall-akkwist tat-tielet proprjeta' filwaqt li kellu appuntament fit-30 ta' Mejju 2019 biex jiffirma l-konvenju biex ibiegħ din il-proprjeta'[41].

Minn eżami tal-i*statement* tal-kont bankarju tal-imputat li fih ġew depożitati t-tliet transazzjonijiet ta' €15,000 il-waħda (Dok. DA), kif ukoll l-i*statements* tal-kontijiet bankarji l-oħra tiegħu li ġew esebiti fl-atti, ma jirriżultax li l-imputat ħareġ is-somma ta' €15,000 - la fid-dati li kif qal fil-messaġġi, kellu l-appuntamenti man-Nutar biex isiru l-konvenji u lanqas f'ebda data oħra. Minflok, jirriżulta li l-flus li rċieva mingħand il-parti offiża fil-kont bankarju tiegħu, baqgħu fil-kont u ntużaw biex jitħallsu spejjeż oħrajn li ma jidhrix li huma relatati man-negozju tal-proprjeta'. Fl-atti ma hemm xejn li juri li l-imputat deher fuq xi konvenju u jew ħallas id-depożitu tal-prezz għall-wegħda tal-akkwist ta' xi proprjeta'. Kollox magħdud, inkluż il-fatt li l-parti offiża qatt ma rċieva ebda flus lura mill-investiment li għamel u l-imputat qatt

---

[38] Messaġġi mibgħut fit-18 ta' Frar 2019 – paġna 254 tal-atti.
[39] Ara messaġġ 18.2.2019 f'18:09:12h – paġna 255 tal-atti.
[40] Ara messaġġ 19.02.2019 f'20:25:32h – paġna 255 tal-atti.
[41] Ara messaġġ 25.02.2019 – paġna 257 tal-atti.

ma ħallsu sehmu mill-flus li qal li kien irċieva - *cheques* u flus kontanti[42] - b'riżultat tan-negozju tax-xiri u bejgħ fuq konvenju tat-tliet proprjetajiet, il-Qorti hija konvinta li n-negozju tal-proprjeta' li l-imputat ipperswada lill-parti offiża li kien sejjer iseħħ u li kkonferma li kien effettivament seħħ, kien wieħed fittizzju, u għalhekk l-imputat qarraq bil-parti offiża biex jgħaddilu l-flus għal negozju li ma kienx jeżisti.

Din il-konklużjoni hija affermata ulterjorment mill-fatt illi Albert Falzon, il-persuna li ħareġ it-tliet *cheques* ammontanti għal €10,000[43] xehed illi huwa ma jafx lill-imputat u mhuwiex nutar u kkonferma wkoll li t-tliet cheques (li jinsabu f'paġna 406) kien tahom mhux lill-imputat iżda lil żewġ Taljani li kienu qegħdin jagħmlu xi xogħol ta' *finishes* fil-proprjeta' tiegħu, biex jixtru bihom il-materjal li kellhom bżonn għax-xogħolijiet.  Dan jeskludi li c-*cheques* li l-imputat bagħat *screenshots* tagħhom lill-parti offiża biex jikkonvinċih li kien irċieva l-flus mill-bejgħ fuq konvenju ta' xi waħda jew oħra tal-proprjetajiet li kienu parti min-negozju li fih kellhom jintużaw il-flus imħallsin mill-parti offiża.

Huwa ovvju minn dan kollu li l-imputat gideb u kompla jigdeb sfaċċatament lill-parti offiża biex jagħti xejra ta' awtentiċita' lin-negozju fittizzju li l-parti offiża kien investa flusu fih.  Il-Qorti hija moralment konvinta mill-ġabra tal-provi li l-imputat mhux talli ma ħallasx il-flus li għaddielu l-parti offiża biex jinvestihom kif miftiehem – għaliex in-negozju kien fittizzju - talli ma ffirma ebda konvenju minn dawk li semma fil-messaġġi tiegħu lill-parti offiża.

Madankollu, għandu jiġi senjalat illi l-imputat llimitax ruħu għal sempliċi gideb biex iqarraq lill-parti offiża dwar biex jemmen fl-eżistenza tan-negozju li kien ser jagħmel bis-somma ta' €45,000 li kkonvinċih biex jgħaddilu – negozju li ma kienx jeżisti – iżda biex jassigura li l-ingann ikun effettiv, addossa l-gideb tiegħu b'reċti u bil-wiri ta' messaġġi foloz u l-użu ta' ismijiet foloz: dan meta bagħtlu ritratti ta' proprjetajiet għall-bejgħ meta evidentement ma kien ser isir ebda negozju dwarhom, u meta

[42] Ara messaġġi mibgħuta mill-imputat.
[43] Ara paġna 406 tal-atti.

bagħtlu wkoll il-kalkoli bil-miktub taċ-ċifri tal-investiment u l-profitt tan-negozju propost. Ukoll, meta bagħtlu *screenshot* bi skambju ta' messaġġi li kien taparsi rċieva mingħand is-sensar dwar appuntament fittizju ma' xi nutar. Kif ġie stabbilit qabel, in-numru tal-mobile phone tal-persuna reġistrata bl-isem 'Anglu Sens' li suppost bagħat il-messaġġi li jidhru fl-iscreenshot Dok. WB13[44] dwar il-laqgħa man-nutar, huwa numru reġistrat f'isem l-imputat innifsu (Dok. CZ).

Dan kollu magħdud jikkostitwixxi apparat estern li ntuża mill-imputat biex joħloq messa in xena intiża għall-ingann tal-parti offiża u billi għalhekk huma riskontrabbli f'din l-iskema frawdolenti l-elementi kollha tar-reat ta' truffa, inkluż it-telf patrimonjali li seħħ b'riżultat tal-ingann, l-imputat għandu jinsab ħati tar-reat taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9.

Għaldaqstant, l-imputat sejjer jinsab ħati tar-reat taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 bl-applikazzjoni tal-piena skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9 li jfisser illi ma jistax ukoll jinsab ħati wkoll tar-reat minuri ta' frodi nnominata. Dan qed jingħad għaliex l-artikolu 309 jipotetizza reat li jiġi kommess meta l-aġent jagħmel qligħ **b'qerq ieħor mhux imsemmi fl-artikoli preċedenti** u konsegwentement, iż-żewġ reati ingħataw b'mod alternattiv għal xulxin. Għalhekk, fuq dikjarazzjoni ta' ħtija għar-reat ta' truffa, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru 7 taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9.

Fir-rigward l-artikolu 310BA tal-Kap. 9, addebitat fir-raba' imputazzjoni, jitqies li huwa ħati ta' dan ir-reat minn jinstab fil-pussess ta' jew ikollu taħt il-kontroll tiegħu xi oġġett għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Il-Prosekuzzjoni naqset milli tidentifika l-oġġett li l-imputat suppost kellu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu u li użah biex iwettaq ir-reat ta' frodi għad-detriment tal-parti offiża. Il-Qorti, fiċ-ċirkostanzi, wara li qieset li l-imputat wettaq ir-reat ta' frodi biss bil-fomm, u bil-kliem u ritratti li bagħat permezz ta' messaġġi telefoniċi lill-parti

[44] Paġna 382 tal-atti.

offiża, ma tqisx li għandha ssib ħtija għal dan ir-reat in mankanza tal-prova dwar l-oġġett partikolari li ntuża fil-kommissjoni tar-reat[45].

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli wkoll bir-reat ta' approprjazzjoni indebita taħt l-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali. Dan jikkriminalizza l-aġir ta' kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat. Ġie mixli wkoll bil-forma aggravat tad-delitt, kif maħsub fl-artikolu 294 tal-Kodiċi għaliex, skont il-Prosekuzzjoni, id-delitt ġie magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-imputat minħabba l-industrja jew kummerċ.

Kif rajna, l-imputat qed jinsab ħati tar-reat ta' frodi nnominat in kwantu l-ħlas mill-parti offiża tas-somma ta' £17,340 lil Daniel Gruppetta u ħati tar-reat ta' truffa in kwantu l-ammont ta' €45,000 li l-parti offiża għaddielu biex jinvestihom f'negozju dwar xiri u bejgħ ta' proprjeta'. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-reati ta' frodi, sija truffa u sija r-reat minuri ta' frodi nnominata, fuq in-naħa l-waħda, u r-reat ta' misapproprjazzjoni fuq in-naħa l-oħra, huma inkompatibbbli u reċiprokalment esklussivi bir-riżultat li dwar l-istess fatti, ma tista' qatt tinstab ħtija kriminali konkorrenti għar-reat ta' frodi u fl-istess waqt ukoll għar-reat ta' misapproprjazzjoni. Dan qed jingħad għaliex mentri fir-reat ta' frodi, il-qligħ ikun ġie perċepit mill-aġent tar-reat bl-użu ta' ingann u mezzi qarrieqa, fir-reat ta' misapproprjazzjoni, l-oġġett akkwistat mir-reat ikun ġie fil-pussess tal-aġent tar-reat legalment taħt titolu li jgib miegħu l-obbligu li jsir użu minnu speċifikat, iżda jiġi in segwitu imdawwar illegalment mill-aġent tar-reat bi profitt għalih innifsu jew għal ħaddieħor.

Dwar ir-reat ta' misapproprjazzjoni taħt l-artikolu 292 u l-artikolu 294 tal-Kap. 9, ingħad:-

---

[45] Id-dokument Dok. WB2 ma ntużax in konnessjoni mar-reat ta' frodi.

*"Illi, għalhekk, l-element ewlieni li jikkostitwixxi dan ir-reat "mhuwiex l-uzu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan."*[46]

Dan l-element jikkozza intrinsikalment mal-element ewlieni fir-reat ta' frodi li kif rajna, jikkonsisti fl-użu ta' mezzi illegali, ossia l-ingann, biex jinkiseb il-ħaġa formanti l-oġġett tar-reat.

Kif ritenut f'sentenza riċenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali:-

"*Fi kliem ieħor, għalkemm it-truffa u l-appropjazzjoni indebita huma simili in kwantu jippenalizzaw dak il-komportament inġust tas-suġġett attiv tar-reat li jagħmel 'lucro' bi ħsara ta' ħaddieħor, teżisti distinzjoni importanti bejn it-tnejn. Dak li jiddistingwi reat minn ieħor huwa l-mod ta' kif l-aġent tar-reat ikun ġie fil-pussess tal-oġġett li permezz tiegħu ikun għamel gwadann qarrieqi. Fil-każ ta' truffa l-oġġett li minnu jsir gwadann qarrieqi jkun ġie a sua volta ottjenut mill-aġent tar-reat b'ingann. Mill-banda l-oħra fil-każ tal-appropjazzjoni indebita, l-aġent tar-reat, għad li xorta waħda jkun opera xi forma ta' qerq, ma jkunx ottjena b'ingann l-oġġett li minnu jkun għamel gwadann inġust.*" [47]

Ukoll:-

*"Dan ir-reat [ta' approprijazzjoni indebita] jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq, ghax l-oggett li jkun, jigi moghti mill-agent volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta` jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu ukoll mit-truffa ghax id-*

---

[46] 3 **Pulizija vs Joseph Muscat**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar it-3 ta' Marzu 1997.
[47] Ara fir-rigward, **Il-Pulizija v. Giuseppe Azzopardi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Lulju 2021.

*detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent."*[48]

Dan ifisser illi fejn il-Qorti diġa' riskontrat l-użu tal-ingann u qerq da parti tal-imputat biex kiseb mingħand il-parti offiża l-ħlas tas-somma ta' £17,340 u s-somma ta' €45,000, l-imputat ma jistax jinsab ħati wkoll tar-reat ta' misapproprjazzjoni għaliex il-flus ma għaddewx għand l-imputat f'dawk l-imsemmija okkażjonijiet bil-libera volonta' tal-parti offiża, iżda għaliex ġie ingannat mill-istess imputat bl-użu ta' mezzi qarrieqa.

Konsegwentement, il-Qorti sejra tindaga dwar il-ħtija o meno tal-imputat għar-reat ta' approprjazzjoni indebita biss safejn għandu x'jaqsam il-ħlas tal-ammont ta' £82,600 lill-imputat għall-iskop ta' investiment fl-azjenda kummerċjali tiegħu fis-Serbja fejn, kif stabbilit diġa', ma ġiex ippruvat li l-parti offiża ħallas il-flus lill-imputat għaliex kien ingannat għaliex ma saritx prova fil-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-impriża kummerċjali li fiha kellhom jiġu investiti l-flus imħallsin mill-parti offiża kienet fittizja.

Il-Qorti tqis illi s-somma ta' £82,600 ġiet trasmessa fil-pussess tal-imputat bil-libera volonta' tal-parti offiża taħt titolu li kien jobbliga lill-imputat juża dan il-flus għall-ħtiġiet tal-azjenda kummerċjali tiegħu li kienet topera fis-settur tal-qtugħ u produzzjoni tal-injam, fosthom xiri ta' makkinarju li jintuża fl-attivita' tal-azjenda u ta' provvisti ta' injam għall-qtugħ. Huwa minnu li fil-proċess ma hemm xejn li juri li l-imputat uża l-flus li għaddew għandu mingħand il-parti offiża għall-iskop pattwit, iżda fl-istess waqt lanqas inġiebet il-prova bażilari li l-flus ma ġewx użati għall-iskop pattwit.

Fir-rigward ġie ritenut awtorevolment mill-Qorti tal-Appelli Kriminali[49]:-

---

[48] **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni**, deċiża mill- Qorti tal-Appelli Kriminali fid-9 ta' Ġunju 1998.

[49] Il-Pulizija vs John Gauci deciza fl-14 ta' Frar 1997.

"*Minn eżami tal-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali tal-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat.* ***F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.***" (enfasi ta' din il-Qorti)

Kien jispetta lill-prosekuzzjoni u lill-prosekuzzjoni biss, li ġġib il-prova tal-element tal-inverżjoni tat-titolu tal-proprjeta' li għaddiet fil-pussess tal-imputat u l-użu divers li l-imputat għamel bil-flus trasmessi lilu mill-parti offiża. Għall-Qorti, il-fatt li l-parti offiża ma rċevietx ir-rendiment mensili rappreżentanti r-rendiment tal-investiment ma jikkostitwixxix prova biżżejjed li l-imputat ma użax il-flus skont il-ftehim. Kif ingħad qabel, m'huwiex eskluż mill-provi li l-parti offiża ma rċeviex il-pagamenti li kienu dovut lilu mensilment, għaliex in-negozju mar ħażin minkejja l-investiment ta' flusu jew għaliex l-imputat għal xi raġuni jew oħra iddeċieda li ma jridx iħallas lill-parti offiża skont il-ftehim. Iżda prova li l-flus ma ntużawx biex jiġu investiti fin-negozju tal-imputat u jew prova li l-flus ġew applikati mill-imputat għal skop ieħor jew sempliċement żammhom għalih minflok investihom fin-negozju, ma nġabitx mill-Prosekuzzjoni u l-Qorti ma riskontrat xejn fl-atti proċesswali li jissodisfa l-element materjali tal-inverżjoni tat-titolu tal-oġġett ossia flus li l-imputat ottjena mingħand il-parti offiża, li huwa wieħed mill-elementi materjali essenzjali tar-reat taħt l-artiklu 293 tal-Kodiċi Kriminali.

Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinsab ħati tar-reat ta' approprjazzjoni indebita.

Ikkunsidrat;

L-imputat huwa mixli bir-reat ta' falsifikazzjoni taħt l-artikolu 188(2) u taħt l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali.

L-insenjament abbraċċjat mill-Qrati tagħna in tema ta' falsita' huwa dak mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** mogħtija fis-17 ta' Ottubru 1997 minn din il-Qorti diversament preseduta, li fissret hekk id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:

"*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioé fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin* "non é veridico, perché colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero".

Huwa ħati tar-reat taħt l-artikolu 188(2) tal-Kodiċi Kriminali kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz.

Il-Prosekuzzjoni tikkontendi li d-dokument esebit mill-Ispettur Wayne Borg (Dok. WB2)[50] – konsistenti fi skrittura allegatament iffirmat minn Mark Zarb Cousin u Chris Gatt bid-data tat-2 ta' Novembru 2020 - huwa falz. F'din l-iskrittura jingħad hekk:

"*This document is a declaration between Mr Chris Gatt ID number 0177572M Mr Mark Zarb Cousin Passport Number 1019930 to state that as from this dat November 2/2020 Mr Chris Gatt has repaid the sum of €207,000 (TWO HUNDRED SEVEN THOUSAND) to Mr Mark Zarb Cousin in Milan (Italy). On this day November 2/2020 when funds have been received by Mr Mark Zarb Cousin and this document has been signed by both parties Mr Chris Gatt will no longer be responsible for this money.*"

L-Ispettur Wayne Borg xehed illi d-dokument ġie elevat waqt tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat ġewwa Seacrest, Blk A Flt 21, Triq il-Porjunzkola, san Pawl il-Baħar fis-27 ta' Lulju 2022 u xehed ukoll li meta wera dan id-dokument lil Mark Anthony Zarb Cousin, huwa innega li qatt iffirma dak id-dokument u ċaħad ukoll li qatt ġabar l-imsemmi ammont ta' flus mingħand l-imputat. Il-parti offiża, Mark Zarb Cousin, afferma dan meta xehed in kontro-eżami fejn b'riferenza għad-"*dokument iffirmat minnek u mis-sur Gatt illi s-Sur Gatt għaddhielek ammont sostanzjali ta' flus*" sostna illi huwa qatt ma ffirma ebda dokument bħal dak u l-firma m'hijiex tiegħu. Sostna wkoll illi l-uniku dokument li ġie ffirmat bejniethom kien in konnessjoni mal-ammont ta' £100,000 li kien għaddielu fil-bidu fejn l-imputat intrabat bl-assi kollha tiegħu li jagħmel tajjeb għar-ripagament tal-ammont.

Iżda anke mingħajr qies tax-xhieda tal-parti offiża b'rabta mad-dokument allegatament falsifikat, huwa f'kull każ eskluż mill-ġabra tal-provi illi d-dokument huwa wieħed ġenwin. Dan qed jingħad għaliex minn qari tal-messaġġi li ġew skambjati bejn il-partjiet fit-2 ta' Novembru 2020[51] u l-ġranet ta' qabel u wara, u mill-prenotazzjoni tat-titjira minn Londra għal Milan (Dok. MZC), jirriżulta li l-imputat

[50] Paġna 57 u 57A tal-atti.
[51] Dok. WB12.

mar Milan fl-4 ta' Diċembru 2020 li jfisser li ma kienx ġewwa Milan fit-2 ta' Diċembru 2020. Huwa eskluż ukoll li l-imputat kien Milan dak iż-żmien għaliex il-Qorti fehmet illi l-arranġament kien li l-parti offiża kellu jiltaqa' mhux mal-imputat iżda ma' ċertu Sebastian fuq struzzjonijiet tal-imputat li kien qallu li flusu kienu qegħdin l-Italja u Sebastian kien ser jgħaddihomlu[52]. Barra minn hekk huwa wkoll ovvju mill-iskambju tal-messaġġi, illi wara t-2 ta' Novembru 2020 Mark Zarb Cousin kien għadu qed jippretendi mingħand l-imputat il-ħlas tal-flus dovuti lilu għaliex l-imputat kien baqa' ma tama kien irċieva xejn minn dak li l-imputat kellu jagħtih.

Għaldaqstant, kollox magħdud, il-Qorti tirravviża fid-dokument WB2 il-falzita' materjali u hija fermement konvinta li d-dokument WB2 huwa falsifikat.

Minkejja dan kollu, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi konklussivi li juru li d-dokument ġie falsfikat mill-imputat. Huwa minnu li dan id-dokument insab fil-pussess tal-imputat u seta' wkoll, bl-użu jew produzzjoni tad-dokument, jikseb vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu, konsistenti fl-estinzjoni tal-kreditu vantat mill-parti offiża, iżda b'daqshekk ma jfissirx li huwa ppruvat li kien l-imputat l-awtur tal-falsifikazzjoni ċioe' li kien kiteb id-dikjarazzjoni jew stqarrija falz huwa stess u mhux, per eżempju, ipprokura d-dokument mingħand terz inkarigat minnu biex jipproduċi d-dokument u jiffalsifika l-firma tal-parti offiża. Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinsab ħati tar-reat taħt l-artikolu 188(2) tal-Kodiċi Kriminali.

L-imputat ġie mixli wkoll taħt l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali li jipotetizza r-reat ta' falsifikazzjoni u l-użu ta' dokumenti oħrajn mhux imsemmijin fl-artikoli ta' qabel tat-Titolu V (Fuq id-Delitti Kontra l-Fiduċja Pubblika)[53]. Kif diġa' ġie stabbilit,

---

[52] Jidher, madankollu, li Sebastian baqa' qatt ma tfaċċa u l-parti offiża qatt ma rċieva ebda flus meta kien Milan.

[53] L-iskrittura falsifikata – Dok. WB2 – ma tistax titqies bħala skrittura privata msemmija fl-artikolu 187 tal-Kodiċi għaliex il-falsifikazzjoni maħsuba f'dak l-artikolu hija dik li ssir b'waħda mill-mezzi msemmija fl-artikolu 179 tal-Kodiċi li jirriferi għal falsifikazzjoni li ssir b'firem foloz, tibdil f'atti jew skritturi wara li dawn ikunu ġa' ffurmati u magħluqa, mentri fil-każ in diżamina id-dokument huwa falsfikat fl-intier tiegħu billi ġie fabbrikat kollu kemm hu. Ma jirriżulta minn imkien mill-provi li l-partijiet kienu qablu li jiġi redatt dokument bħal dak biex jiġi ffirmat minnhom u huwa eskluż fi kwalsiasi każ mill-provi illi l-parti offiża qatt irċieva s-somma msemmija fid-dokument.

m'huwiex ippruvat sodisfaċjentement illi l-imputat iffalsifika d-dokument WB2 u għalhekk ma jistax jinsab ħati tar-reat ta' falsifikazzjoni; iżda in kwantu għall-element alternattiv tar-reat konsistenti fl-użu tad-dokument falz, il-Qorti hija sodisfatta li l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni fir-rigward jistabbilixxu konklussivament illi l-imputat għamel użu minnu.

PS 1240 Joseph Camilleri xehed illi waqt it-tfittxija li saret f'wieħed mill-garaxxijiet tal-imputat, l-imputat kien ġibidlu l-attenzjoni għad-dokument WB2 u kien għaddihulu u konsegwentement dan id-dokument ġie konfiskat skont kif jidher f'*seizure form* bin-numru 561 (Dok. JC3), flimkien ma' dokumenti u oġġetti oħrajn li ġew meqjusin bħala rilevanti għall-investigazzjoni dwar ir-rapport li kien sar minn Mark Zarb Cousin. Għall-Qorti, il-fatt li kien l-imputat innifsu li ġab id-dokument għall-attenzjoni tal-Pulizija waqt it-tfittxija u għaddihulhom, ifisser li huwa ried li l-Pulizija jkollhom għarfien tad-dokument u dan inissel inferenza qawwija li dan għamlu biex jgħin il-pożizzjoni legali tiegħu bħala persuna arrestata b'rabta ma' suspett ta' frodi u misapproprjazzjoni.

Diversament mir-reat taħt l-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali, għar-reita' taħt l-artikolu 189 tal-Kodiċi m'huwiex meħtieġ il-prova li l-użu tad-dokument iffalsifikat ikun preordinat għall-ksib ta' xi benefiċċju jew vantaġġ għall-aġent tar-reat jew għal ħaddieħor, u għalhekk fil-fehma tal-Qorti hija biżżejjed il-prova li l-aġent ikun għamel użu, ikun x'ikun l-użu u irrispettivament għal liema skop ikun ġie użat. Konsegwentement, tqis li l-produzzjoni ta' dokument iffalsifikat lill-Pulizija waqt tfittxija in konnessjoni ma' reati li għandhom x'jaqsmu sewwasew mad-debitu li jifforma l-mertu tad-dokument, jikkostitwixxi użu li huwa fil-mira tar-reat taħt l-artikolu 189 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli wkoll bil-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att kontra Money Laundering (Kap. 373).

Illi kif diġa' ġiet stabbilit, l-imputat għamel qligħ b'qerq għad-detriment tal-parti offiża meta ppreswadih biex jgħaddilu s-somma komplessiva ta' €45,000 biex jiġu investiti f'negozju li jirriżulta li kien fittizzju. Huwa ppruvat illi l-imputat irċieva xjentement proprjeta' ossia flus, li orġina minn attivita' kriminali kommess minnu stess, iżda mhux hekk biss. Huwa ppruvat ukoll illi fir-rigward ta' din l-istess proprjeta', l-imputat għamel atti li jinkwadraw fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2(1)(i) sa (vi) tal-Att kontra Money Laundering. Dan għaliex, wara li rċieva mingħand il-parti offiża fil-kont bankarju tiegħu ma' BNF Bank p.l.c. s-somma komplessiva ta' €45,000 b'riżultat tar-reat ta' frodi taħt l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, uża l-flus billi minnufih in segwitu għad-depożiti li saru mill-parti offiża, għamel diversi *withdrawals* fuq xulxin mill-kont, ħareġ numru ta' *cheques* fuq l-istess kont u ttrasferixxa flus lil terzi, skont kif jirriżulta mill-istatement tal-istess kont bankarju (Dok. DA), kif ukoll ittrasferixxa l-flus lil terzi persuni. Dan kollu meta, kif diġa' ġie stabbilit, kien jaf pożittivament li l-flus kien akkwistahom direttament mill-kommissjoni ta' reat kriminali ossia r-reat ta' frodi mwettaq minnu stess għad-dannu tal-parti offiża, u kien jaf għalhekk li dan il-flus jikkostitwixxi r-rikavat minn attivita' kriminali[54]. M'hemmx dubju li l-flus li l-imputat ħareġ mill-kont bankarju in diżamina in segwitu għal kull wieħed mid-depożiti ta' €15,000 kull wieħed li saru mill-kont tal-parti offiża, u ddispona minnhom jew ikkonvertihom, kienu l-istess fondi li kien irċieva fil-kont mingħand il-parti offiża – għaliex qabel sar l-ewwel depożitu ta' €15,000 fil-15 ta' Frar 2019, l-imputat ma kellu ebda fondi kwalsiasi fil-kont bankarju tiegħu, tant illi l-bilanċ fil-kont bankarju tal-imputat kien fin-negattiv[55].

Kif diġa' ġie stabbilit qabel, ma ġiex ippruvat li l-imputat ikkommetta xi reat kriminali b'rabta mal-pagament tas-somma ta' £82,600 mill-parti offiża fil-kont bankarju tiegħu fis-Serbja u għalhekk, dan l-ammont ma jistax jitqies li jikkostitwixxi rikavat minn attivita' kriminali. Fi kwalsiasi każ, ma ngabet ebda prova mill-Prosekuzzjoni, dwar il-konverżjoni, ħabi, trasferiment jew ritenzjoni tal-imsemmija proprjeta' ossia flus.

---

[54] Art. 2(i) (iii) Kap. 373.

[55] Bilanċ ta' -€7.16 fil-11 ta' Frar 2019: ara paġna 694 tal-atti tal-kompilazzjoni, Dok. DA.

In kwantu għall-ħlas tas-somma ta' £17,340 lil Daniel Gruppetta, għalkemm dan il-ħlas issarraf fi qligħ illegali għall-imputat[56] b'konsegwenza tal-ingann eżerċitat minnu għad-detriment tal-parti offiża – għaliex ġiegħlu jemmen li l-ammont kien jirrappreżenta debitu tan-negozju li fih kien qed jinvesti flusu - ma jirriżultax mill-provi li dan l-ammont jew xi parti minnu qatt kien fil-pussess tal-imputat jew li huwa ddispona minnu jew xi parti minnu, ikkonvertih jew għamel xi att ieħor maħsub fl-artikolu 2(1)(i) sa (vi) tal-Kap. 373.

Għaldaqstant, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sodisfaċjentement il-konkorrenza tal-elementi kollha tar-reat ta' money laundering għad illi biss fir-rigward tal-proprjeta' ossia rikavat mir-reat ta' truffa fis-somma ta' €45,000 għad-deteriment tal-parti offiża.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli wkoll bħala reċidiv.

Skont l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.

In sostenn ta' dan l-addebitu il-Prosekuzzjoni produċiet fl-atti dokument li ġie stampat mill-European Criminal Records Information System (ECRIS)[57] dwar sentenza li ngħatat mill-qorti ġewwa l-Olanda fil-konfront ta' Christopher Carmel Anthony Lawrence Gatt – mingħajr ebda konnotati oħra tal-persuna - li fih tagħrif dwar ir-reat kommess, l-awtorita' ġudizzjarja li erogat is-sentenza, id-data tas-sentenza u l-piena.

[56] Peress illi b'hekk ħallas parti mid-dejn li kellu ma' Daniel Gruppetta.
[57] Dok. WBX(1), paġna 1190 tal-atti; ara wkoll traduzzjoni Dok. LW1, paġna 1242 tal-atti.

Madanakollu, is-subartikolu (2) tal-artikolu 49 jiddisponi illi biex dokument jitqies bħala prova tal-fatt li persuna nstabet ħatja ta' reat – anke minn qorti barranija - u tad-data tad-dikjarazzjoni ta' ħtija mingħajr ħtieġa ta' xi prova ulterjuri, id-dokument għandu jkun awtentikat.

Skont is-subartikolu (3), dokument għandu jitqies li hu debitament awtentikat jekk waħda minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin tapplika:

(a) jekk jidher li hu ffirmat minn imħallef, maġistrat jew uffiċjal tal-Istat fejn tkun ingħatat is-sentenza; jew
(b) jekk jidher li hu ċċertifikat mill-Ministeru, dipartiment jew awtorità oħra responsabbli għall-ġustizzja jew għall-affarijiet barranin tal-Istat fejn tkun ingħatat is-sentenza, sew jekk ikun b'siġill u sew jekk le; jew
(ċ) jekk jidher li hu awtentikat b'ġurament, stqarrija jew affermazzjoni ta' xhud.

Huwa evidenti li d-dokument miġjub mill-prosekuzzjoni in sostenn tal-ddebitu tar-reċidiva m'huwiex awtentikat kif iridu d-dispożizzjonijet legali applikabbli in materja għaliex m'huwiex iffirmat minn uffiċjal tal-awtoritajiet ġudizzjarji jew eżekuttivi fl-Olanda, u lanqas m'hu awtentikat b'ġurament, stqarrija jew affermazzjoni ta' xhud. Il-firma ta' 'J. Pace, Asst. Manager' fuq id-dokument, filwaqt li ma tikkostitwixxix stqarrija jew affermazzjoni ta' xhud, wisq inqas stqarrija jew affermazzjoni b'ġurament, hija firma ta' uffiċjal tal-awtorita' kompetenti f'Malta (Criminal Records Office) u mhux fl-Istat li fih ingħatat is-sentenza. Konsegwentement, id-dokument miġjub mill-prosekuzzjoni mhuwiex idoneu biex jitqies bħala sentenza, jew bħala dokument awtentikat li huwa biżżejjed bħala prova tal-addebitu tar-reċidiva.

Għaldaqstant, billi ma jirriżultax ippruvat l-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikolu 49 tal-Kap. 9, il-Qorti ma għandhiex għalfejn tindaga dwar l-addebitu taħt l-artikolu 50 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena li għandha tiġi applikata fuq sejbien ta' ħtija għar-reat ta' truffa u frodi innominata, kif ukoll ir-reat tal-falsifikazzjoni, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-fedina penali mhux oneruża tal-imputat iżda wkoll il-fatt li l-imputat ma wera ebda rimors għall-abbuż sfaċċat tal-fiduċja li wera fih il-parti offiża u t-telf li kkaġunali. Ħadet qies ukoll tal-ammont konsiderevoli tat-telf li ġarrab il-parti offiża b'riżultat tar-reat ta' qerq: xejn inqas minn €64,000[58].

L-imputat ġie mixli bir-reat kontinwat u l-Qorti sejra għalhekk tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu l-kommissjoni tar-reat ta' frodi għad-detriment tal-parti offiża fi żminijiet differenti iżda evidentement magħmula b'riżoluzzjoni waħda, f'żewġ okkażjonijiet differenti, b'dan illi r-reati sejrin jitqiesu bħala reat wieħed. Sejra għalhekk tingħata biss il-piena għar-reat l-iktar gravi li huwa r-reat taħt l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali. Madankollu, għandha tapplika l-piena għar-reat taħt l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, li hija piena ta' priġunerija, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkors materjali ta' reati u pieni taħt l-artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali: il-prinċipju tal-konkors formali ta' reati u pieni u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17(b) tal-Kodiċi evidentement ma jsibux riskontru fil-każ tar-reati ta' frodi u r-reat taħt l-artikolu 189 għaliex l-użu tad-dokument falz ma sarx bħala mezz għall-fini tar-reat ta' frodi u ġie kommess permezz ta' att totalment separata mill-atti li jikkostitwixxu r-reati ta' frodi.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-ordni tal-konfiska li għandha tingħata bħala konsegwenza tas-sejbien ta' ħtija ta' Christopher Gatt għar-reat tal-ħasil tal-flus taħt l-Att kontra Money Laundering, il-Qorti sejra tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

---

[58] Magħmul mis-somma ta' €45,000 imħallas lill-imputat fi Frar 2019 b'riżultat tal-kommissjoni tar-reat ta' truffa, u s-somma ta' £17,340 (ekwivalenti għal €19,241 – ara Dok. LA, paġna 749 tal-atti) li l-parti offiża ġie ingannat biex iħallas lil Daniel Gruppetta.

Id-dispożizzjonijiet transitorji tal-Att VI tal-2024, li ġie fis-seħħ fil-mori tal-proċediment fid-9 ta' Frar 2024, jinsabu inkorporati fl-artikolu 32 tal-Att.

L-artikolu 32(2) tal-Att VI tal-2024 jiddisponi:-

*(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli msemmija fis-subartikolu (1) kif kienu fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom jibqgħu fis-seħħ u għandhom japplikaw wara d-dħul fis-seħħ tal-istess Att għal investigazzjonijiet u proċeduri kriminali li jkunu nbdew qabel id-dħul fis-seħħ tal-istess Att, **ħlief kif provdut xort 'oħra f'dan l-artikolu**.* (enfasi tal-Qorti)

Issa, fis-subartikolu (1) tal-artikolu 32 tal-Att VI tal-2024, hemm imsemmija espressament id-dispożizzjonijiet *inter alia* tal-artikoli 3, 4 u 5 tal-Att kontra Money Laundering u l-artikoli 35, 36 u 41 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità.

Dan ifisser illi proċeduri kriminali, bħal dawk odjerni, li kienu diġa' pendenti meta daħal fis-seħħ l-Att VI tal-2024, għandhom jibqgħu regolati bid-dispożizzjonijiet tal-liġijiet fuq imsemmija, kif kienu fis-seħħ **qabel** il-promulgazzjoni tal-Att VI tal-2024, fosthom għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 3, 4 u 5 tal-Att kontra l-Money Laundering.

L-artikolu 3(7)(a) tal-Kap. 373 kif kien fis-seħħ qabel l-emendi introdotti bis-saħħa tal-Att VI tal-2024, kien jiddisponi hekk:-

*"Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 248E(4) u t-Titolu IVtat-Taqsima III tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, u dawk tal-artikolu 22(3A)(b), (d) u (7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi,għandhom japplikaw mutatis mutandis għar-reat ta' money laundering taħt dan l-Att",*

fejn il-paragrafu (d) tal-artikolu 22(3A) tal-Kap. 101 jipprovdi li l-qorti għandha, b'żieda ma' kull piena oħra, fis-sentenza tagħha jew f'kull żmien wara, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni:

"*... tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli oħra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba ħatja wkoll jekk il-proprjetà immobbli minn meta l-ħati jkun ġie akkużat tkun għaddiet għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta...*"

Għall-fini tal-ordni għal konfiska li għandha tingħata b'konsegwenza tas-sejbien tal-ħtija f'dan il-każ odjern, is-subartikolu (5) tal-imsemmi artikolu 32 tal-Att VI tal-2024 jipprovdi illi:-

*"Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Att kontra Money Laundering u tal-artikolu 38 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità kif emendati bl-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom japplikaw għall-investigazzjonijiet u proċeduri kriminali kollha inklużi wkoll dawk li jkunu pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att ħlief għal proċeduri kriminali li fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att ikunu mħollija għas-sottomissjonijiet finali jew għas-sentenza ...."*

Il-proċeduri kriminali odjerni ma kienux imħollija għas-sottomissjonijiet finali jew għas-sentenza fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Att VI tal-2024 u għalhekk il-Qorti fehmet illi d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 7 tal-Kap. 373 kif emendat bl-Att VI tal-2024** li jirregola l-ordni għall-konfiska li għandha tingħata wara s-sejbien ta' ħtija għall-ksur tad-dispożizzonijiet tal-Kap. 373, l-Att kontra Money Laundering, għandhom japplikaw biex jiġu determinati l-assi soġġetti għall-konfiska. L-imsemmi artikolu 7 tal-Kap. 373 kif emendat, jagħmel referenza għad-dispozizzjoniijet tal-artikoli 38 u 39

tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita' (Kap. 621) fir-rigward tad-determinazzjoni ta' dik il-proprjetà li tkun soġġetta għall-konfiska skont l-artikolu 3(5) tal-Kap. 373[59].

L-artikolu 38 fil-parti rilevanti tiegħu, jiddisponi:-

*(1) Meta Qorti ta' ġuriżdizzjoni kriminali tagħti sentenza dwar persuna li tkun instabet ħatja ta' reat relevanti, hija għandha tinkludi fis-sentenza ordni, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ordni ta' konfiska", li bih tiġi konfiskata kwalunkwe proprjetà li l-Qorti tiddetermina, abbażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet, li tkun proprjetà li hija soġġetta għall-konfiska, kif imfisser fl-artikolu 3(6), bħala konsegwenza tas-sejbien ta' ħtija.*
*(2) Wara s-sejbien ta' ħtija iżda qabel ma tiddetermina liema proprjetà hija soġġetta għall-konfiska u qabel ma tagħti s-sentenza, il-Qorti għandha tordna lid-Direttur jew lill-prosekuzzjoni sabiex jissottomettu lista ta' assi soġġetti għall-konfiska ...*

Iżda mbagħad, l-artikolu 32(6) tal-Att VI tal-2024 jiddisponi wkoll:-

***Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli l-oħra kollha tal-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità li m'humiex imsemmija fis-subartikolu (1)*** *jew fis-subartikolu (5) għandhom japplikaw għall-proċeduri kollha, kemm dawk li jkunu pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att, u kemm dawk li jinbdew wara li jidħol fis-seħħ l-istess Att.* (enfasi tal-Qorti)

---

[59] Art. 3(5) tal-Kap. 373 ma ġiex milqut bl-emendi introdotti bl-Att VI tal-2024 u baqa' jipprovdi: "*Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali l-qorti għandha, b'żieda ma' kull piena li għaliha tista' tiġi kkundannata persuna misjuba ħatja ta' reat ta' money laundering taħt dan l-Att u b'żieda ma' kull piena li korp magħqud jista' jeħel taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4),* ***tordna t-teħid favur il-Gvern tar-rikavat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat*** *sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut mill-persuna misjuba ħatja jew mill-korp magħqud imsemmi fl-imsemmi subartikolu (4) u kull proprjetà li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja kif imsemmi qabel jew ta' korp magħqud kif imsemmi f'dan is-subartikolu għandha, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, titqies li tkun inkisbet mir-reat ta' money laundering u tkun suġġetta għal konfiska jew teħid mill-qorti wkoll jekk fil-każ ta'proprjetà immobbli dik il-proprjetà tkun, minn żmien meta l-ħati jkun ġie akkużat, għaddiet f'idejn terzi, kif ukoll jekk ir-rikavat ta' proprjetà, kemm mobbli kemm immobbli, ikunu jinsabu f'xi post barra minn Malta.*" (enfasi tal-Qorti)

Dan ifisser li bl-applikazzjoni tal-artikolu 32(6) tal-Att VI tal-2024, id-dispożizzjonijiet tal-**artikolu 23B, 23Ċ u 23D tal-Kodiċi Kriminali kif emendati bl-Att VI tal-2024**, **li m'humiex imsemmija fis-subartikolu (1) tal-artikolu 32 tal-istess Att**, għandhom japplikaw għall-proċeduri kollha, kemm dawk li jkunu pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att, u kemm dawk li jinbdew wara li jidħol fis-seħħ l-istess Att u kwindi wkoll għal dawn il-proċeduri odjerni. Fil-fatt, l-artikoli 23B u 23Ċ tal-Kap. 9 huma msemmija speċifikatament mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju għall-fini tal-konfiska konsegwenti għs-sejbien ta' ħtija għar-reati addebitati lill-imputat.

L-artikolu 23B(1) tal-Kap. 9 jipprovdi:-

*(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 il-qorti għandha, b'żieda ma' kull kastig li jista'jingħata b'sentenza min jinsab ħati ta' reat rilevanti u b'żieda ma'kull penali li jista' jeħel korp magħqud taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 121D, tordna* ***l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat*** *sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut minn min ikun insab ħati sew jekk mill-korp magħqud imsemmi fl-imsemmi artikolu 121D.*

Imbagħad, l-artikolu 23Ċ(2) tal-Kap. 9 jiddisponi:-

*(2) (a) Meta persuna tkun instabet ħatja ta' reat rilevanti u b'konsegwenza ta' dan xi flejjes jew proprjetà mobbli oħra jew xi proprjetà immobbli tkun tista' tiġi konfiskata, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(3A)(b) u (7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, għandhom ikunu japplikaw mutatis mutandis fiċ-ċirkostanzi msemmija f'dawk il-paragrafi.*
*(b) il-Qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' dawk il-flejjes jew proprjetà mobbli oħra u ta' dik il-proprjetà immobbli tal-persuna misjuba ħatja tar-reat relevanti li jkunu jikkostitwixxu r-rikavat minn dak ir-reat ukoll jekk il-proprjetà*

*mobbli jew immobbli minn meta l-ħati jkun ġie imputat tkun għaddiet għand terzi persuni u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta.*

L-artikolu 3(5) tal-Kap. 373 jiddisponi, b'mod anaolgu, li għandu jiġi ordnat it-teħid favur il-Gvern tar-rikavat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, għalkemm jipprovdi wkoll li kull proprjetà li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja (u għalhekk mhux biss ir-rikavat tar-reat) għandha, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, titqies li tkun inkisbet mir-reat ta' money laundering u tkun suġġetta għal konfiska jew teħid mill-qorti.

Dan huwa ftit jew wisq konfużjonarju għaliex il-konfiska tal-assi taħt l-artikolu 3(7) kif kien fis-seħħ qabel l-emenda li saret fl-artikolu 12(b) tal-Att VI tal-2024 u l-konfiska tal-assi taħt l-artikolu 7 tal-istess Kap. 373 li jirriferi għall-artikoli 38 u 39 tal-Kap. 621 (kif illum emendati)[60] fuq in-naħa l-waħda, hija regolata b'mod ferm differenti mill-konfiska taħt l-artikoli 23B u 23Ċ tal-Kap. 9 kif emendati bl-istess Att VI tal-2024 u minkejja li l-liġijiet varji m'humiex regolati uniformement mill-Att VI tal-2024, dan l-istatut m'huwiex ċar dwar liema liġi li tirregola l-konfiska tal-assi in segwitu għal sejbien ta' ħtija ta' reat rilevanti, għandha tapplika meta tinstab ħtija dwar reati rilevanti li jemanu minn liġijiet differenti.

Fil-każ in diżamina, kif diġa' ngħad, l-imputata qed tinsab ħatja ta' reat li huwa regolat b'mod differenti mid-dispożizzjonijiet transitorji tal-Att VI tal-2024 in kwantu għall-konfiska, u jsibu applikazzjoni dispożizzjonijiet kontradittorji dwar il-konfiska li għandha tiġi ordnata mill-Qorti b'konsegwenza tas-sejbien tal-ħtija għar-reat ta' money laundering.

Madankollu, jibqa' dejjem il-prinċipju fondamentali illi f'każ fejn il-liġi li tkun fis-seħħ matul il-proċeduri tkun differenti mil-liġi li tkun fis-seħħ fid-data tad-

[60] L-artikolu 7 jirriferi wkoll għall-artikolu 3(5) tal-Kap. 373, fuq ċitat.

determinazzjoni tal-proċeduri kriminali, il-Qorti dejjem trid tapplika dik il-liġi li hi l-aktar favorevoli għall-imputat, u hekk sejra tagħmel illum fil-konfront tal-ħati li għandha quddiemha, liema liġi hija dik taħt l-artikolu 23B u 23Ċ tal-Kodiċi Kriminali u taħt l-artikolu 3(5) tal-Kap. 373.

B'żieda ma' dan il-fatt illi l-artikolu 23A(3) tal-Kap. 9 kif emendat bl-artikolu 3 tal-Att VI tal-2024, issa jiddisponi hekk:-

"*Fejn dan l-artikolu u l-artikoli 23B, 23Ċ u 23D jipprovdu dwar il-konfiska ta' rikavat mill-kriminalità b'mod li mhuwiex provdut fl-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità d-dispożizzjonijiet ta'* ***dan l-artikolu u tal-artikoli 23B, 23Ċ u 23D għandhom jiġu applikati qabel id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità****. Id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom japplikaw biss sussidjarjament skont l-artikolu 5(3) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità.*"

Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-artikolu 5 tal-Kap. 621 jipprovdu espressament illi "*meta l-liġi tipprovdi għall-konfiska tal-assi tal-akkużat bħala konsegwenza ta' ħtija, id-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi għandhom jibqgħu japplikaw fir-rigward ta' tali konfiska għall-esklużjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, b'dak il-mod illi d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom madankollu japplikaw fir-rigward ta' proprjetà li tikkostitwixxi rikavat u li mhijiex soġġetta għall-konfiska taħt kull liġi msemmija.*" Għalhekk, peress li r-rikavat mir-reat jitqies sewwasew bħala proprjeta' soġġetta għal konfiska taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Kriminali, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita' dwar konfiska ma jsibux applikazzjoni fil-każ in diżamina, fosthom għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3 tal-istess Kap. 621 li jiddefinixxu l-kunċett ta' 'proprjeta' soġġetta għal konfiska', kunċett li huwa ferm u ferm wiesa' u jinkludi mhux biss ir-rikavat mill-kriminalita' iżda wkoll proprjeta' faċilitattiva u proprjeta' involuta fil-money laundering.

**Illi din il-fehma hija msaħħha fuq kollox bil-fatt illi l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, indika għall-fini tal-konfiska, l-artikolu 23A, 23B u 23Ċ tal-Kodiċi Kriminali u ma indikax id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 38 u 39 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita'[61]. L-imsemmija artikoli 23B u 23Ċ tal-Kap. 9 ġew emendati radikalment b'effett tad-dħul fis-seħħ tal-Att VI tal-2024 u kif rajna, din il-liġi kif hekk emendata hija applikabbli bis-saħħa tal-artikolu 32(6) tal-istess Att, għall-proċeduri odjerni u huma dawn l-artikoli, kif emendati bl-Att VI tal-2024, li ser jiġu applikati mill-Qorti għall-fini tal-Ordni għall-Konfiska, flimkien mad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 3(5) tal-Kap. 373, u mhux id-dispożizzjonijiet rilevanti taħt l-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita'.**

Mill-atti u l-provi proċesswali huwa stabbilit illi r-rikavat mir-reati li dwarhom qed tinstab ħtija, għandu valur komplessiv ta' erbgħa u sittin elf, mitejn u wieħed u erbgħin Euro (€64,241[62]) u għalhekk il-Qorti sejra tordna l-konfiska ta' dan ir-rikavat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx ħtija għar-reat taħt l-artikoli 188(2), 293 u 310BA tal-Kodiċi Kriminali, kif addebitat fl-ewwel, fir-raba' u fil-ħames imputazzjonijiet, u filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva fit-tmien imputazzjoni taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat l-artikoli 17(b), 18, 23B, 23C, 189, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali l-artikoli 2(1), 2(2), 3(1), 3(2A)(a)(ii) tal-Att kontra *Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta), issib lil CHRISTOPHER GATT ħati tal-imputazzjonijiet bin-numru 2, 3, 6 u 7 u tikkundannah tletin (30) xahar priġunerija effettiva.**

---

[61] L-artikolu 36 tal-Kap. 621 indikat mill-Avukat Ġenerali fin-nota għar-rinviju għall-ġudizzju jittratta biss l-ordni ta' qbid u sekwestru u mhux l-ordni għal konfiska li tingħata fuq dikjarazzjoni ta' ħtija għal reat rilevanti.

[62] Magħmul mis-somma ta' €45,000 imħallas lill-imputat fi Frar 2019 b'riżultat tal-kommissjoni tar-reat ta' truffa, u s-somma ta' £17,340 (ekwivalenti għal €19,241) li l-parti offiża ġie ingannat biex iħallas lil Daniel Gruppetta.

**Ai termini tal-artikolu 23B(1) u l-artikolu 23Ċ(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali[63], il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' erbgħa u sittin elf mitejn u wieħed u erbgħin Euro (€64,241) rappreżentanti r-rikavat tar-reat ta' frodi, jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-imsemmi valur tar-rikavat, ukoll jekk il-proprjetà, minn meta l-ħati ġie mixli, tkun għaddiet għand terzi persuni u anke jekk l-imsemmija flejjes jew proprjetà jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 23B(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna illi jekk ir-rikavat li jkun ġej mir-reati, kif stabbilit, ikun ġie mberbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, il-ħati għandu jeħel multa ta' erbgħa u sittin elf mitejn u wieħed u erbgħin Euro (€64,241).**

**Din il-multa tkun tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u din is-sentenza tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Ai termini tal-artikolu 23D(1) tal-Kodiċi Kriminali, tordna lid-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi biex jagħmel stħarriġ sabiex jinstabu u jiġi aċċertat fejn ikunu jinsabu xi flejjes jew proprjetà oħra, dovuti jew jappartejnu jew taħt il-kontroll tal-ħati.**

**Tordna wkoll lill-ħati bl-applikazzjoni tal-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, iħallas lil Mark Zarb Cousin is-somma ta' ħamsin elf Euro (€50,000) rappreżentanti l-kumpens għat-telf ikkaġunat lill-istess parti offiża permezz tal-kommissjoni tar-reat ta' frodi[64].**

---

[63] Li jagħmlu riferenza għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(3A)(b) u (7) tal-Kap. 101.

[64] Il-parti offiża xehed li huwa rċieva b'kollox is-somma ta' €14,000 mingħand l-imputat.

**Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Billi ma ġewx maħturin esperti jew periti fil-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba għall-ħlas taħt l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi għall-finijiet tal-artikolu 23D tal-istess Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**